KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 1.6.2011
KUMM(2011) 315 finali

2011/0150 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/105/KE u 2009/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEG(2011) 671 finali}
{SEG(2011) 672 finali}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

L-istandardizzazzjoni Ewropea tirriżulta mill-kooperazzjoni volontarja bejn l-industrija, l-awtoritajiet pubbliċi u partijiet interessati oħra li jikkollaboraw fi ħdan sistema bbażata fuq is-sinċerità, fuq it-trasparenza u fuq il-kunsens. Għall-industrija Ewropea, l-istandards huma sommarju tal-aħjar prattika f'qasam speċifiku, għaliex jiġbru fihom l-għarfien espert kollettiv tal-atturi parteċipanti.

Fil-ġejjieni, l-istandardizzazzjoni Ewropea se jkollha rwol kruċjali f'varjetà kbira ta' oqsma, iżjed wiesgħa minn dik tal-lum, li tkun mifruxa mill-appoġġ tal-kompetittività Ewropea, il-ħarsien tal-konsumaturi, it-titjib tal-aċċessibbiltà għal dawk b'diżabbiltà u għall-anzjani sal-indirizzar tat-tibdil fil-klima. Biex il-ħtiġijiet li jevolvu f'kwalunkwe oqsma jiġu indirizzati malajr, se tkun meħtieġa sistema ta' standardizzazzjoni Ewropea effiċjenti u teknikament moderna. Din is-sistema se tkompli tibni fuq il-karatteristiċi t-tajbin tas-sistema kurrenti, iżda trid tkun ukoll flessibbli li taddatta ruħha biex tirrispondi għall-isfidi li ġejjin, kif u meta dawn jinħolqu.

Fl-istrateġija tagħha EWROPA 2020 għat-tkabbir intelligenti, sostenibbli u inklussiv [COM(2010)2020], il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa li ttejjeb il-metodu ta' twaqqif tal-istandards u l-użu tal-istandards fl-Ewropa biex tagħti vantaġġ lill-istandards Ewropej u internazzjonali lill-kompetittività tal-industrija Ewropea fuq medda ta' żmien twil u għall-kisba ta' miri politiċi importanti f'oqsma bħalma huma l-e-gvern, l-e-saħħa-e u l-e-aċċessibbiltà.

Fil-21 ta' Ottubru 2010, il-Parlament Ewropew adotta rapport dwar il-ġejjieni tal-istandardizzazzjoni Ewropea [A7-0276/2010] li wera li r-reviżjoni tal-istandardizzazzjoni Ewropea għandha żżomm l-elementi tagħha li rnexxew, tirmedja n-nuqqasijiet u ssib il-bilanċ bejn id-dimensjonijiet Ewropej, nazzjonali u internazzjonali. Barra minn hekk, tirrikonoxxi li l-interoperabbiltà hija kruċjali għall-innovazzjoni u l-kompetittività, speċjalment fis-settur tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT).

Fil-komunikazzjoni tagħha tat-13 ta' April 2011 dwar "l-Att dwar is-Suq Uniku: Tnax-il lieva li jagħtu spinta lit-tkabbir u l-fiduċja", fost it-tnax-il azzjoni ewlenini prijoritarji tagħa li għandhom jiġu adottati mill-istituzzjonijiet tal-UE qabel tmiem l-2012, il-Kummissjoni inkludiet it-twessiegħ tas-sistema tal-istandardizzazzjoni Ewropea biex tinkorpora s-servizzi.

- **Il-kuntest ġenerali**

L-Istandards u l-istandardizzazzjoni huma għodda politiċi effettivi ħafna għall-UE. Minkejja li l-istandards u l-istandardizzazzjoni għandhom benefiċċji ħafna iktar mifruxin għall-ekonomija Ewropea, jintużaw bħala strumenti politiċi li jiżguraw, fost affarijiet oħra, it-tħaddim tas-suq waħdieni tal-prodotti, l-interoperabbiltà tan-netwerks u tas-sistemi, b'mod partikolari fil-qasam tal-ICT, livell għoli ta' ħarsien tal-konsumaturi u tal-ambjent, u aktar innovazzjoni u inklużjoni soċjali.

Fis-soċjetà diġitali l-istandards huma essenzjali biex jiżguraw l-interoperabbiltà tan-netwerks u s-sistemi, speċjalment fil-qasam tal-ICT. F'soċjetà diġitali, is-soluzzjonijiet ICT jintużaw f'kull settur ekonomiku kif ukoll fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Is-soluzzjonijiet, l-applikazzjonijiet u s-servizzi tal-ICT iridu jkunu jistgħu jikkomunikaw bejniethom. iridu jkunu interoperabbli. L-interoperabbiltà titlob l-standards

L-istandards Ewropej għandhom rwol importanti ħafna fit-tħaddim tas-suq intern tal-prodotti industrijali. L-istandards Ewropej jieħdu post l-istandards nazzjonali li ħafna drabi jkunu konfliġġenti u b'hekk joħolqu t-tfixkil tekniku għal suq nazzjonali.

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, jeżistu żewġ (2) tipi ta' standards. L-istandards Ewropej li se jiġu żviluppati fuq talba tal-Kummissjoni, abbażi ta' hekk imsejjaħ "mandat", li huma mitluba li jikkompilawhom l-ESOs, u l-istandards Ewropej oħrajn li ġew żviluppati fuq l-inizjattiva ta' atturi oħra (negozji, korpi nazzjonali għall-istandardizzazzjoni, partijiet interessati, eċċ.).

Din il-proposta tindirizza tliet problemi kbar:

1. F'dinja u f'soċjetà li qegħdin jinbidlu b'mod mgħaġġel, speċjalment f'dawk is-setturi li huma kkaratterizzati minn prodotti li għandhom ħajja qasira u ċikli ta' żvilupp qosra, l-istandards iridu jlaħqu mal-iżvilupp teknoloġiku rapidu. Ċerti partijiet interessati jistħqu li l-proċess sħiħ tal-ħolqien ta' standards Ewropej żviluppati fuq it-talba tal-Kummissjoni jimxi wisq bil-mod. Il-konsegwenza negattiva ewlenija ta' proċess ta' stabbilizzazzjoni ta' standards li jimxi bil-mod huwa li jibqgħu effettivi l-istandards nazzjonali konfliġġenti, u dawn jistgħu joħolqu ostakoli tekniċi fil-katina tal-provvista, jew jistgħu jkunu ta' tfixkil għall-kummerċ jekk l-istandard nazzjonali jintuża bħala strument ta' protezzjoni. Konsegwenza oħra tkun li, fin-nuqqas ta' standards armonizzati, in-negozji ma jkunux jistgħu jużaw l-istandard relevanti biex jikkonferixxu preżunzjoni ta' konformità u jridu juru konformità mar-rekwiżiti essenzjali skont il-modulu ta' stima għall-konformità stabbilit fil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE. F'kull każ, in-negozji ma jistgħux jiffrankaw l-ispejjeż minħabba l-framentazzjoni tas-suq intern jew minħabba l-proċeduri għall-istima tal-konformità. Standards nazzjonali konfliġġenti, jew in-nuqqas ta' standards armonizzati jwasslu għal spejjeż ta' tranżazzjonijiet ogħla u spejjeż ogħla għal kull unità minħabba l-ħtieġa li jkunu prodotti lottijiet differenti. L-industrija tirreaġixxi għal din is-sitwazzjoni billi tistabbilixxi toroq ta' standardizzazzjoni informali biex jiġu żviluppati b'mod mgħaġġel l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li għandhom firxa internazzjonali u jiżguraw l-interoperabbiltà.

2. L-SMEs jiltaqgħu ma' għadd ta' problemi rigward l-istandards u l-istandardizzazzjoni. Waħda mill-problemi ewlenin, skont bosta partijiet interessati, hija li l-SMEs għandhom rappreżentanza żgħira b'mod ġenerali, fl-attivitajiet ta' standardizzazzjoni, speċjalment fuq livell Ewropew. Barra minn hekk, l-istandards ħafna drabi jkollhom x'jaqsmu mas-sikurezza u l-benessri taċ-ċittadini, mal-effiċjenza tan-netwerks, mal-ambjent u ma' oqsma oħra tal-politika pubblika. Minkejja li l-istandards għandhom rwol importanti fis-soċjetà, l-opinjoni tal-partijiet interessati soċjali mhijiex integrata biżżejjed fil-proċess tal-istandardizzazzjoni fl-UE. Biex tiġi indirizzata l-problema ta' nuqqas ta' rappreżentanza tal-SMEs u partijiet interessati soċjali fl-attivitajiet ta' standardizzazzjoni, jitħallsu l-kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-SMEs u lill-partijiet interessati soċjali. Il-kriterji tal-eliġibbiltà għal dawn l-għotjiet finanzjarji, il-kundizzjonijiet fuq l-użu tagħhom u t-tipi ta' għotjiet finanzjarji jvarjaw ħafna. Xi organizzazzjonijiet jirċievu l-għotjiet għall-azzjonijiet filwaqt li oħrajn jirċievu wkoll għotjiet biex joperaw. L-iżjed konsegwenza negattiva tal-problema ta' nuqqas ta' parteċipazzjoni min-naħa tal-SMEs u l-partijiet interessati soċjali hija n-nuqqas ta' influwenza li jistgħu jkollhom fuq il-proċess.

3. Fil-qasam tal-ICT, bosta standards li jiżguraw l-interoperabbiltà ma jitħaddmux fid-dettal mill-ESOs iżda minn organizzazzjonijiet oħrajn li jiżviluppaw l-istandards (minn hawn 'il quddiem "forums u konsorzji globali"). Eżempju ħaj ta' dan huma l-istandards tal-Internet u tal-World Wide Web. L-organizzazzjonijiet tradizzjonali li jistabbilixxu l-istandards ma jidħlux fil-qasam tal-ICT, l-iżjed minħabba nuqqas ta' għarfien espert speċjalizzat ħafna, u għalhekk fil-present, parti kbira tax-xogħol fuq l-istandardizzazzjoni huwa magħmul barra mis-sistema formali tal-istandardizzazzjoni Ewropea u minn dik Internazzjonali. Fil-present, huwa possibbli biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali li wieħed jirreferi għall-"Istandards tal-Forums u l-Konsorzji" fil-akkwist pubbliku, li hu soġġett għad-Direttiva 2004/18/KE. Peress li dawn l-istandards ma jidħlu f'ebda waħda mill-kategoriji tal-istandards li jistgħu jirreferu għalihom l-awtoritajiet pubbliċi fis-sejħiet tagħhom għall-offerti, l-awtoritajiet pubbliċi prudenti joqogħdu attenti li ma jirreferux għal dawn l-istandards. Il-konsegwenza ta' dan hija li l-ITC li jixtru dawn jista' ma jkunx interoperabbli mal-ITC li jinxtara minn awtoritajiet oħrajn. Minħabba din id-diffikultà, ħafna drabi l-awtoritajiet pubbliċi ma jkunux jistgħu jiddefinixxu l-istrateġiji u l-arkitetturi tal-ICT tagħhom, u dan jinkludi l-interoperabbiltà transkonfinali fost l-organizzazzjonijiet.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Din il-proposta tissostitwixxi parti mid-Direttiva 98/34/KE u tħassar id-Deċiżjonijiet 1673/2006/KE u 87/95/KE.

- **Konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra tal-Unjoni**

Din l-inizjattiva timplementa l-Inizjattivi Ewlenin tal-Ewropa 2020 dwar l-Unjoni Innovattiva [COM(2010)546], il-Politika Industrijali [COM(2010)614], Aġenda Diġitali għall-Ewropa [COM(2010)245], u Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza [COM(2011)21]. Timplimenta wkoll l-Att dwar is-Suq Uniku [COM(2011)206], kif ukoll l-Istrateġija tad-Diżabbiltà 2010-2020 [COM(2010)636]. Hija tifforma parti minn inizjattiva Strateġika CWP 2011.

2. KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Metodi ta' konsultazzjoni, setturi prinċipali fil-mira u profil ġenerali ta' dawk li wieġbu

Saru żewġ konsulti mal-pubbliku ġenerali fl-2009 u l-2010 filwaqt li konsulta iżjed speċifika mal-awtoritajiet nazzjonali, ma' Organizzazzjonijiet għall-Istandards Ewropej, ma' Korpi għall-Istandards Nazzjonali, ma' organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati u mal-Forums u l-Konsorzji saret fl-2010. Fl-2009, ġiet adottata l-*white paper* dwar "L-immodernizzar tal-Istandardizzazzjoni tal-ICT fl-UE – It-Triq għall-Quddiem".

Barra minn hekk, dan ir-regolament ikompli jibni fuq il-ħidma ta' grupp espert indipendenti, il-Bord Espert għar-Reviżjoni tas-Sistema Ewropea tal-Istandardizzazzjoni (EXPRESS), magħmul minn 30 espert minn organizzazzjonijiet għall-istandards Ewropej, nazzjonali u internazzjonali, fl-industrija, tal-SMEs, tal-NGOs, tat-trejdunjins, fil-qasam akkademiku, il-forums u l-konsorzji u l-awtoritajiet pubbliċi ta' Stati Membri tal-UE. EXPRESS bagħat ir-rapport tiegħu "L-istandardizzazzjoni għal Ewropa kompetittiva u innovattiva: viżjoni għall-2020" lill-Kummissjoni Ewropea fi Frar tal-2010.

Sommarju tat-tweġibiet u kif ġew ikkunsidrati

Ir-risposti waqt il-konsultazzjonijiet, il-*white paper* dwar "L-Immodernizzar tal-Istandardizzazzjoni tal-ICT fl-UE – It-Triq għall-Quddiem" ir-rapport tal-EXPRESS "L-Istandardizzazzjoni għal Ewropa kompetittiva u innovattiva: viżjoni għall-2020" u r-rapport tal-Parlament Ewropew jikkostitwixxu l-bażi għall-għażliet politiċi li eventwalment intgħażlu.

Saret konsultazzjoni miftuħa fuq l-internet mit-23/03/2010 sal-21/05/2010. Il-Kummissjoni rċeviet 483 tweġiba. Ir-riżultati jinsabu fuq http://ec.europa.eu/enterprise/policies/european-standards/public-consultation/index_en.htm.

- **Il-ġbir u l-użu tal-kompetenza**

Ma kien hemm l-ebda ħtieġa għal parir espert estern.

- **L-istima tal-impatt**

L-istima tal-impatt u t-taqsira eżekuttiva jagħtu ħarsa ġenerali tal-għażliet differenti.

Jilħqu l-kriterji ta' effikaċja, effiċjenza u konsistenza biss it-taħlitiet tal-għażliet politiċi 1.A (limiti taż-żmien għat-twassil tal-istandards Ewropej) ma' 1.C (proċeduri trasparenti u ssimplifikati għal standards armonizzati u standards oħrajn Ewropej mitluba mill-Kummissjoni), u l-għażliet politiċi 2.C (issaħħaħ il-pożiżżjoni tal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-SMEs u l-partijiet interessati soċjali fi ħdan l-ESOs billi tagħti l-possibbiltà ta' għotja finanzjarja għall-operazzjoni) ma' 3.B (ir-referenzjar tal-"Istandards tal-Forums u l-Konsorzji" fil-akkwist pubbliku). Għalhekk, dawn it-tliet (4) għażliet jikkostitwixxu s-sisien ta' din il-proposta.

Il-Kummissjoni wettqet stima tal-impatt elenkata fil-Programm ta' Ħidma, li r-rapport tagħha huwa disponibbli fuq
http://ec.europa.eu/enterprise/policies/european-standards/index_en.htm.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Sinteżi tal-azzjoni proposta**

1. Il-kooperazzjoni bejn il-korpi nazzjonali għall-istandardizzazzjoni ssir aktar trasparenti;

2. L-użu ta' standards żviluppati minn organizzazzjonijiet oħra fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni jkun possibbli fil-akkwist pubbliku, sakemm dawn l-istandards jikkonformaw ma' sett ta' kriterji bbażati fuq il-prinċipji tad-WTO għall-proċessi ta' standardizzazzjoni internazzjonali, f'oqsma fejn ma jeżistux standards Ewropej, fejn l-istandards Ewropej ma rnexxilhomx jiġu adottati fis-suq jew fejn dawn l-istandards ma għadhomx jintużaw.

3. L-ippjanar se jittejjeb: il-Kummissjoni se ttella' Programm ta' Ħidma annwali li jidentifika l-prijoritajiet għall-istandardizzazzjoni u l-mandati meħtieġa.

4. L-SMEs u l-partijiet soċjali interessati għandu jkollhom rappreżentanza ikbar fl-istandardizzazzjoni Ewropea, u se jiġi garantit l-appoġġ finanzjarju għall-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-SMEs u l-partijiet soċjali interessati.

5. Ikun hemm tnaqqis tal-piż amministrattiv minn fuq il-Kummissjoni u l-ESOs, pereżempju permezz tal-possibbiltà ta' simplifikazzjoni robusta ta' somom kbar ta' flus, li biċ-ċar ma jkollha ebda rabta ma' kwalunkwe verifika tal-kostijiet attwali ta' implimentazzjoni. Din il-proposta tikkostitwixxi moviment ieħor lejn sistema msejsa fuq il-produzzjoni, bbażata fuq id-definizzjoni ta' indikaturi u għanijiet (outputs u outcomes) li jkun sar qbil dwarhom. Il-ħeffa u l-effiċjenza tal-proċess tat-twaqqif tal-istandards jistgħu jkunu parti minn dawn l-għanijiet.

6. Minkejja li l-istandards Ewropej huma diġà użati b'mod mifrux għat-trasport u l-loġistika, għas-servizzi postali u n-netwerks u servizzi elettroniċi, l-istandards volontarji Ewropej ma kellhomx rwol daqshekk prominenti fl-appoġġ tat-tlestija tas-suq waħdieni tas-servizzi. Għalhekk din il-proposta fl-ambitu tagħha tinkludi standards ta' servizz biex il-Kummissjoni

tkun tista' toħroġ il-mandati li jitolbu l-iżvilupp ta' standards tas-servizzi Ewropej u biex tkun tista' tiffinanzja parti mill-ispiża ta' dan l-iżvilupp.

- **Bażi legali**

L-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklussiva tal-UE.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri għar-raġuni(jiet) li ġejja/ġejjin.

L-istandardizzazzjoni Ewropea tappoġġja l-leġiżlazzjoni Ewropea li twaqqaf is-Suq Waħdieni u tikkontribwixxi għaż-żieda fil-kompetittività tal-industrija Ewropea. L-armonizzazzjoni tal-istandards tal-prodotti fuq livell Ewropew tegħleb id-diffikultajiet tekniċi tal-kummerċ li jistgħu jirriżultaw minn standards nazzjonali konfliġġenti. Għalhekk, il-problemi marbutin mal-istandardizzazzjoni f'livell Ewropew jeħtieġu soluzzjoni fuq livell Ewropew.

Azzjoni mill-UE tikseb aħjar l-għanijiet tal-proposta għal din/dawn ir-raġuni(jiet).

L-għan li jkun żgurat it-tħaddim tas-suq intern permezz tat-tnaqqis tal-ostakoli għall-kummerċ fl-UE kkawżat minn standards tal-prodotti nazzjonali differenti ma jistax jinkiseb sew mill-Istati Membri. Inħass għalhekk li jkun xieraq skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, fid-dawl tad-daqs u l-effetti tal-problema, li dan jinkiseb fil-livell tal-UE.

L-istandards Ewropej għandhom rwol importanti ħafna fit-tħaddim tas-suq intern tal-prodotti industrijali. L-istandards Ewropej jieħdu post l-istandards nazzjonali li ħafna drabi jkunu konfliġġenti u b'hekk joħolqu t-tfixkil tekniku biex prodott jidħol f'suq nazzjonali. L-istandards armonizzati jiżguraw li l-prodotti jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-UE. Il-konformità ma standard Ewropej "armonizzat" tiggarantixxi l-livell meħtieġ ta' sikurezza tal-prodotti. Iżda l-użu ta' standards armonizzati għadu mhuwiex obbligatorju u manifattur jista' juża kwalunkwe soluzzjoni teknika oħra li turi li l-prodott tiegħu jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali.

Matul il-proċess tal-valutazzjoni tal-impatt, ħafna għażliet mhux leġiżlattivi kienu mwarrba għal raġunijiet marbutin mas-sussidjarjetà kif stipulati fid-dettall fil-valutazzjoni tal-impatt.

Il-proposta għalhekk tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjaretà.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità għar-raġuni(jiet) li ġejja(in).

Il-proposta tikkonċerna biss it-tħaddim tal-istandardizzazzjoni f'livell Ewropew u l-kooperazzjoni bejn korpi għall-istandardizzazzjoni nazzjonali biex jiġu evitati standards nazzjonali konfliġġenti.

Din il-proposta ma twassal għal ebda piż amministrattiv ġdid għall-operaturi ekonomiċi, għall-gvernijiet nazzjonali, jew għall-awtoritajiet reġjonali u lokali u ċ-ċittadini.

- **L-għażla tal-istrumenti**

L-istrumenti proposti: regolament.

Mezzi oħra ma jkunux xierqa għar-raġuni(jiet) li ġejja(in).

L-għażliet issuġġeriti u l-entrati dwar is-simplifikazzjoni ma jirrikjedux emenda tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri. Dan l-istrument jikkonċerna biss l-organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni Ewropej, il-kooperazzjoni fost il-korpi nazzjonali għall-istandardizzazzjoni, l-involviment ta' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-SMEs u l-partijiet soċjali interessati mill-istandardizzazzjoni Ewropea, u l-Kummissjoni. Għaldaqstant, f'dan il-każ, Direttiva ma tkunx strument xieraq.

L-istrument legali jkollu jkun wieħed li jista' jiġi applikat b'mod ġenerali, speċjalment dik il-parti li tittratta dwar l-użu tal-istandards tal-Forums u l-Konsorzji fix-xiri, li trid tkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, l-istrument leġiżlattiv ikun fih għadd ta' obbligi li jkunu applikabbli direttament għall-organizzazzjonijiet dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea, għall-korpi nazzjonali għall-istandardizzazzjoni, għall-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-SMEs u l-partijiet soċjali interessati mill-istandardizzazzjoni Ewropea u l-Kummissjoni. Għalhekk, l-iżjed strument legali xieraq huwa regolament. Għażliet alternattivi ma kinux jilħqu l-għanijiet proposti.

4. IMPLIKAZZJONI TAL-BAĠIT

L-implikazzjonijiet baġitarji huma stabbiliti fl-istqarrija finanzjarja.

5. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

- **Simplifikazzjoni**

Il-proposta tipprovdi għal simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

L-istandardizzazzjoni se tinfirex ukoll mas-servizzi. L-amministrazzjoni finanzjarja tiġi ssimplifikata. Għal aktar dettalji, ara hawn taħt.

Il-proposta hi inkluża fil-programm b'reviżjoni regolari tal-Kummissjoni għall-aġġornament u s-simplifikazzjoni tal-acquis tal-UE u l-Programm tagħha ta' Ħidma u Leġiżlazzjoni li jaqa' taħt ir-referenza 2010/ENTR/0021.

- **Revoka tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-adozzjoni tal-proposta se twassal għar-revoka tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

- **Klawżola tal-analiżi/reviżjoni/sunset**

Il-proposta tinkludi klawżola ta' eżami.

- **Iż-Żona Ekonomika Ewropea**

L-att propost jikkonċerna kwistjoni li tirrigwarda ż-ŻEE u għaldaqstant għandu jestendi għaż-Żona Ekonomika Europea.

- **Spjegazzjoni dettaljata tal-proposta**

Din il-proposta timmira li tirrevedi u tgħaqqad:

1. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE dwar l-istandardizzazzjoni fil-qasam tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tat-telekomunikazzjoni, billi jitħassru d-dispożizzjonijiet (li ma għadhomx jintużaw) kważi kollha u tiġi introdotta sistema ġdida li fil-qasam tal-akkwist pubbliku tippermetti l-użu ta' standards tal-ICT li jkunu ġew żviluppati minn organizzazzjonijiet oħra barra l-korpi għall-istandardizzazzjoni Ewropea.

2. Id-Direttiva 98/34/KE li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (li biha l-artikoli kollha marbutin man-notifikazzjoni ta' abbozzi ta' regolamenti tekniċi huma barra l-ambitu tal-proposta u ma jinbidlux), permezz tal-miżuri li ġejjin: il-kooperazzjoni Ewropea dwar l-istandardizzazzjoni titwessa' biex tinkludi l-istandards tas-servizzi, il-kooperazzjoni fost il-korpi għall-istandardizzazzjoni ssir aktar trasparenti, l-SMEs u l-partijiet interessati soċjali jkollhom rappreżentanza ikbar fl-istandardizzazzjoni Ewropea, u l-appoġġ finanzjarju għall-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-SMEs u lill-partijiet interessati soċjali tkun garantita.

3. Id-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE dwar il-finanzjament tal-istandardizzazzjoni Ewropea. Il-prinċipji ewlenin ta' din id-Deċiżjoni ma jinbidlux iżda jiddaħħlu dawn l-affarijiet ġodda li ġejjin li jikkonformaw mar-Regolament Finanzjarju l-ġdid: ikun hemm tnaqqis tal-piż amministrattiv minn fuq is-servizzi operattivi u l-korpi għall-istandardizzazzjoni Ewropea, pereżempju permezz tal-possibbiltà ta' simplifikazzjoni robusta ta' somom kbar ta' flus, li biċ-ċar ma jkollha ebda rabta ma' kwalunkwe verifika tal-kostijiet attwali ta' implimentazzjoni. Din il-proposta tikkostitwixxi moviment ieħor lejn sistema msejsa fuq il-produzzjoni, bbażata fuq id-definizzjoni ta' indikaturi u għanijiet (outputs u outcomes) li jkun sar qbil dwarhom. Il-ħeffa u l-effiċjenza tal-proċess tal-istabbiliment tal-istandards huma parti minn dawn l-għanijiet.

2011/0150 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/105/KE u 2009/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz ta' att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1]

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-għan ewlieni tal-istandardizzazzjoni hija d-definizzjoni ta' speċifikazzjonijiet volontarji tekniċi jew tal-kwalità li jistgħu jikkonformaw magħhom prodotti, proċessi tal-produzzjoni jew servizzi attwali jew fil-futur. L-istandardizzazzjoni tista' tkopri diversi suġġetti, bħall-istandardizzazzjoni ta' livelli jew daqsijiet differenti ta' prodott partikolari jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fis-swieq tal-prodotti jew tas-servizzi fejn il-kompatibbiltà u l-interoperabbiltà ma' prodotti jew sistemi oħra huma essenzjali.

(2) L-istandardizzazzjoni Ewropea tagħti spinta wkoll lill-kompetittività tal-impriżi speċjalment billi tiffaċilita l-moviment liberu tal-prodotti u s-servizzi, l-interoperabbiltà tan-netwerks, il-mezzi tal-komunikazzjoni, l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni. L-standards ikollhom effett ekonomiku pożittiv, pereżempju billi jippromwovu interpenetrazzjoni ekonomika fis-suq intern u jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' prodotti jew swieq ġodda u kundizzjonijiet tal-provvista mtejba. L-istandards b'hekk iżidu l-kompetizzjoni u jbaxxu l-ispejjeż tal-produzzjoni u tal-bejgħ, bir-riżultat li huma ta' benefiċċju għall-ekonomiji b'mod ġenerali. L-istandards jistgħu jżommu u jtejbu l-kwalità, jipprovdu l-informazzjoni u jiżguraw l-interoperabbiltà u kumpatibbiltà u b'hekk iżidu l-valur għall-konsumaturi.

[1] ĠU C […], […], p. […].

(3) L-istandards Ewropej għandhom jibqgħu jkunu adottati mill-entitajiet Ewropej ta' twaqqif tal-istandards, jiġifieri l-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC) u l-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni (ETSI).

(4) L-istandards Ewropej għandhom rwol importanti ħafna fis-suq intern, prinċipalment permezz tal-preżunzjoni tal-konformità tal-prodotti li jkunu se jitpoġġew fis-suq minħabba li r-rekwiżiti essenzjali ta' dawn il-prodotti jkunu stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni.

(5) L-istandardizzazzjoni Ewropea hija mmexxija permezz ta' qafas legali speċifiku li jikkonsisti minn tliet atti legali separati, jiġifieri d-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi[2], id-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-finanzjament tal-istandardizzazzjoni Ewropea[3], u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE tat-22 ta' Diċembru 1986 dwar l-istandardizzazzjoni fil-qasam tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tat-telekomunikazzjoni[4]. Iżda l-qafas regolatorju preżenti ma baqax aġġornat mal-iżviluppi fl-istandardizzazzjoni Ewropea f'dawn l-aħħar għexur ta' snin. Għalhekk, il-qafas regolatorju għandu jiġi ssimplifikat u addattat biex ikun ikopri aspetti ġodda tal-istandardizzazzjoni li jirriflettu l-aħħar żviluppi fl-istandardizzazzjoni Ewropea u l-isfidi tal-ġejjieni. Dan jikkonċerna partikolarment l-iżviluppi li saru fl-istandards tas-servizzi u l-evoluzzjoni tal-prodotti tal-istandardizzazzjoni barra l-istandards formali.

(6) Biex tiġi żgurata l-effikaċja tal-istandards u l-istandardizzazzjoni bħala għodda politika tal-Unjoni, tinħtieġ sistema ta' standardizzazzjoni effikaċi u effiċjenti li tipprovdi politika flessibbli u trasparenti li trawwem kunsens fost il-parteċipanti kollha u li tkun finanzjarjament vijabbli.

(7) Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern[5] tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali li jiffaċilitaw il-libertà tal-istabbiliment għall-forniturі tas-servizzi u l-moviment liberu tas-servizzi filwaqt li tinżamm il-kwalità għolja tas-servizzi. Din tobbliga lill-Istati Membri li, b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' standards volontarji Ewropej bl-għan li jkunu ffaċilitati l-kompatibbiltà fost is-servizzi pprovduti minn forniturі fi Stati Membri differenti; l-informazzjoni lir-riċevitur tas-servizz, u l-kwalità tal-provvediment tas-servizz. Iżda d-Direttiva 98/34/KE tapplika biss għall-istandards tal-prodotti filwaqt li l-istandards tas-servizzi mhumiex espliċitament koperti minnha. Iżda d-distinzjoni bejn servizzi u oġġetti qed issir inqas relevanti fir-realtà tas-suq intern. Fil-prattika mhuwiex dejjem possibbli li wieħed jaħmel distinzjoni ċara bejn l-istandards tal-prodotti u l-istandards tas-servizzi. Bosta standards tal-prodotti fihom komponent ta' servizz filwaqt li l-istandards tas-servizzi ta' sikwit ikunu marbutin b'xi mod mal-prodotti. Għalhekk jeħtieġ li l-qafas legali jiġi addattat għal dawn iċ-ċirkostanzi ġodda billi jitwessa' l-ambitu tiegħu biex ikopri l-istandards tas-servizzi.

---

2 ĠU L 24, 21.7.1998, p. 37.
3 ĠU L 315, 15.11.2006, p. 9.
4 ĠU L 36, 7.2.1987, p. 31.
5 ĠU L 376, 27.12.2006.

(8) L-iżvilupp ta' standards volontarji fis-servizzi għandu jitmexxa mis-suq fejn jirbħu l-ħtiġijiet tal-operaturi ekonomiċi u tal-partijiet interessati li jkunu affettwati mill-istandard b'xi mod, dirett jew indirett, u jridu jqisu l-interess pubbliku u jkunu msejsa fuq il-kunsens. Dawn għandhom jiffukaw primarjament fuq is-servizzi marbutin mal-prodotti u mal-proċessi.

(9) Il-korpi tal-istandardizzazzjoni Ewropea huma tant soġġetti għal-liġi tal-kompetizzjoni li jistgħu jitqiesu bħala impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi skont it-tifsira tal-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat.

(10) Fl-Unjoni, l-istandards nazzjonali jiġu adottati minn korpi nazzjonali għall-istandardizzazzjoni, u dan jista' jwassal għal standards konfliġġenti u tfixkil tekniku fis-suq intern. Għaldaqstant jeħtieġ, fl-interess tas-suq intern u għall-effiċaċja tal-istandardizzazzjoni fl-Unjoni, li jiġi kkonfermat l-iskambju regolari tal-informazzjoni preżenti fost il-korpi nazzjonali għall-istandardizzazzjoni, il-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni u l-Kummissjoni, dwar il-ħidma attwali u tal-ġejjieni fuq l-istandardizzazzjoni. Dan l-iskambju ta' informazzjoni għandu jsir skont l-Anness 3 għall-Ftehim dwar ix-Xkiel Tekniku għall-Kummerċ approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 80/271/KEE tal-10 ta' Diċembru 1979 dwar il-konklużjoni tal-Ftehimiet Multilaterali li rriżultaw min-negozjati kummerċjali ta' bejn l-1973 u 1979[6].

(11) L-iskambju regolari tal-informazzjoni fost il-korpi nazzjonali għall-istandardizzazzjoni, il-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni u l-Kummissjoni ma għandux ifixkel lill-korpi għall-istandardizzazzjoni milli jikkonformaw ma' obbligi u impenji oħrajn, u b'mod partikolari mal-Anness 3 għall-Ftehim dwar ix-Xkiel Tekniku għall-Kummerċ.

(12) L-istandards jistgħu jgħinu lill-politika Ewropea tindirizza l-isfidi l-kbar soċjali bħat-tibdil fil-klima, l-użu sostenibbli tar-riżorsi, it-tixjiħ, u l-innovazzjoni b'mod ġenerali. Bit-tmexxija tal-iżvilupp ta' standards Ewropej jew internazzjonali għall-oġġetti u t-teknoloġiji f'dawn is-swieq li qegħdin jespandu, l-Ewropa tista' toħloq vantaġġ kompetittiv għall-kumpaniji tagħha u tiffaċilita l-kummerċ.

(13) L-istandards huma għodda importanti għall-impriżi u speċjalment għal dawk żgħar u medji (minn hawn 'il quddiem "SME") li, minkejja dan, mhumiex involuti biżżejjed fis-sistema ta' standardizzazzjoni u għalhekk hemm ir-riskju li l-istandards ma jqisux il-bżonnijiet u l-interessi tal-SME. Għaldaqstant, huwa essenzjali li tiżdied ir-rappreżentanza u l-parteċipazzjoni ta' dawn fil-proċess ta' standardizzazzjoni, partikolarment fil-kumitati tekniċi.

(14) L-istandards Ewropej huma ta' interess kruċjali għall-kompetittività tal-SMEs li, b'danakollu ma għandhomx biżżejjed rappreżentanza b'mod ġenerali f' attivitajiet ta' standardizzazzjoni, b'mod partikolari f'livell Ewropew. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu jiżgura rappreżentanza xierqa tal-SME fil-proċess ta' standardizzazzjoni Ewropea minn entità li għandha l-kwalifiki xierqa.

(15) L-istandards jistgħu jkollhom impatt kbir fuq is-soċjetà b'mod partikolari fuq is-sikurezza u l-benessri taċ-ċittadini, fuq l-effiċjenza tan-netwerks, fuq l-ambjent, u fuq

---

[6] ĠU L 71, 17.3.1980, p. 1.

oqsma oħra tal-politika pubblika. Għalhekk jeħtieġ li niżguraw li jkunu msaħħa r-rwol u l-feħmiet tal-partijiet interessati soċjali fit-tfassil tal-istandards permezz ta' appoġġ għall-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi tal-konsumaturi, tal-ambjent u tal-partijiet interessati soċjali.

(16) Kemm jista' jkun, l-istandards għandhom iqisu l-impatti ambjentali tul il-ħajja tal-prodotti u tas-servizzi. Iċ-Ċentru Konġunt Għar-Riċerka tal-Kummissjoni żviluppa għodda importanti u disponibbli għall-pubbliku li permezz tagħhom issir valutazzjoni ta' dawn l-impatti tul il-ħajja tal-prodotti u tas-servizzi.

(17) Il-vijabbiltà tal-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u s-sistema ta' standardizzazzjoni Ewropea tiddependi fuq l-attenzjoni li biha jiġu ppjanati talbiet futuri għall-iżvilupp ta' standards. Dan l-ippjanar jista' jittejjeb, partikolarment billi l-partijiet interessati jagħtu l-fehmiet tagħhom. Peress li d-Direttiva 98/34/KE diġà tistipula dwar il-possibbiltà li l-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni jfasslu d-dettalji tal-istandards Ewropej, jixraq li jiġi stabbilit ippjanar aħjar u iktar trasparenti f'programm ta' ħidma annwali li jkun fih ħarsa ġenerali tat-talbiet kollha għall-istandards li l-Kummissjoni biħsiebha tippreżenta lill-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni.

(18) Bosta Direttivi li jarmonizzaw il-kundizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti jispeċifikaw li l-Kummissjoni tista' titlob l-adozzjoni mill-korpi għall-istandardizzazzjoni Ewropea ta' standards armonizzati Ewropej li abbażi tagħhom tiġi preżunta l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli. Iżda ħafna minn dawn l-atti leġiżlattivi fihom varjetà kbira ta' dispożizzjonijiet dwar oġġezzjonijiet għal dawn l-istandards meta dawn tal-aħħar ma jkoprux jew ma jkoprux għal kollox, ir-rekwiżiti applikabbli kollha. Dispożizzjonijiet diverġenti li jirriżultaw fl-inċertezza għall-operaturi ekonomiċi u l-korpi għall-istandardizzazzjoni Ewropea jinsabu b'mod partikolari fid-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward l-apparat personali protettiv[7]; id-Direttiva tal-Kunsill 93/15/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar id-dħul fis-suq u s-superviżjoni ta' splussivi għall-użu ċivili[8]; id-Direttiva 94/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Marzu 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw it-tagħmir u s-sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu f'atmosferi potenzjalment esplussivi[9]; id-Direttiva 94/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mad-dgħajjes illi jintużaw għar-rikreazzjoni[10]; id-Direttiva 95/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 1995 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-lifts[11]; id-Direttiva 97/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 1997 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' apparat ta' pressjoni[12]; id-Direttiva 2004/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-istrumenti tal-kejl[13]; id-Direttiva 2007/23/KE tal-Parlament

---

7 ĠU L 399, 7.2.1987, p. 31.
8 ĠU L 121, 15.5.1993, p. 20.
9 ĠU L 100, 19.4.1994, p. 1.
10 ĠU L 164, 30.6.1994, p. 15.
11 ĠU L 213, 7.9.1995, p. 1.
12 ĠU L 181, 9.7.1997, p. 1.
13 ĠU L 135, 30.4.2004, p. 1.

Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 dwar it-tqegħid fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi[14]; id-Direttiva 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 marbuta ma' reċipjenti sempliċi taħt pressjoni[15]; u d-Direttiva 2009/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar strumenti tal-użin mhux awtomatiċi[16]. Għalhekk jeħtieġ li f'dan ir-Regolament tkun inkluża l-proċedura uniformi stipulata fid-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tħassar id-Deċiżjoni 93/465/KEE[17], u li jitħassru d-dispożizzjonijiet relevanti f'dawk id-Direttivi.

(19) L-awtoritajiet pubbliċi għandhom jużaw fis-sħiħ il-medda kollha tal-istandards relevanti meta jkunu qegħdin jixtru xi hardware, software u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni, pereżempju billi jagħżlu standards li jistgħu jiġu implimentati mill-forituri interessati kollha, dan jagħti lok għal iżjed kompetizzjoni u jitnaqqas ir-riskju ta' saturazzjoni. Id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali[18] u d-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi[19] jispeċifikaw li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fil-akkwist pubbliku għandhom jiġu fformulati b'referenza għal standards nazzjonali li jittrasponu l-istandards Ewropej, l-approvazzjonijiet tekniċi Ewropej, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni, l-istandards internazzjonali, sistemi oħrajn ta' referenza teknika stabbiliti mill-korpi Ewropej għall-istandards jew – fejn dawn ma jeżistux – għal standards nazzjonali, approvazzjonijiet tekniċi nazzjonali jew speċifikazzjonijiet tekniċi nazzjonali marbutin mat-tfassil, il-kalkolu u l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet u l-użu tal-prodotti, jew l-ekwivalenti. Iżda l-istandards fil-qasam tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni ħafna drabi jiġu żviluppati minn organizzazzjonijiet oħra għall-iżvilupp tal-istandards u ma jidħlu f'ebda kategoriji ta' standards u approvazzjonijiet stabbiliti fid-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE. Għalhekk jeħtieġ li tkun prevista l-possibbiltà li l-ispeċifikazzjonijiet għal-akkwist pubbliku jkunu jirreferu għall-istandards fl-oqsma tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni bħala reazzjoni għall-evoluzzjoni mgħaġġla fl-oqsma tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, biex ikun iffaċilitat il-forniment ta' servizzi transkonfinali, biex titħeġġeġ il-kompetizzjoni u għall-promozzjoni tal-interoperabbiltà u l-innovazzjoni.

(20) Għadd ta' standards fl-oqsma tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni ma ġewx żviluppati skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness 3 tal-Ftehim dwar ix-Xkiel Tekniku għall-Kummerċ. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi proċedura għall-għażla tal-istandards fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni li jista' jintuża fil-akkwist pubbliku, li tinvolvi konsultazzjoni wiesgħa ma' firxa kbira tal-partijiet interessati, inklużi l-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni, l-impriżi u l-awtoritajiet pubbliċi. Dan ir-Regolament għandu

---

14 ĠU L 154, 14.6.2007, p. 1
15 ĠU L 264, 8.10.2009, p. 12
16 ĠU L 122, 16.5.2009, p. 6.
17 ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82.
18 ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1.
19 ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114.

wkoll jistipula r-rekwiżiti, f'għamla ta' lista ta' attributi, għal dawn l-istandards u l-proċessi ta' standardizzazzjoni marbutin magħhom. Dawn l-attributi għandhom jiżguraw li jiġu rispettati l-objettivi tal-politika pubblika u l-bżonnijiet tas-soċjetà, u għandhom jissejsu fuq il-kriterji żviluppati fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ għall-organizzazzjonijiet internazzjonali għall-istandardizzazzjoni.

(21) Biex jinagħtaw spinta ikbar l-innovazzjoni u l-kompetizzjoni bejn is-soluzzjonijiet standardizzati, ir-rikonoxximent ta' speċifikazzjoni teknika partikolari ma għandux jiskwalifika speċifikazzjoni teknika li qed tikkompeti ma' din tal-ewwel milli tkun rikonoxxuta skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Kull rikonoxximent għandu jkun soġġett għall-karatteristiċi li jkunu qegħdin jitwettqu u għall-kundizzjoni li l-ispeċifikazzjoni teknika tkun akkwistat livell minimu ta' aċċettazzjoni fis-suq. L-aċċettazzjoni fis-suq ma għandhiex tiġi interpretata li l-ispeċifikazzjoni teknika inkwistjoni tkun ġiet implimentata ħafna fis-suq.

(22) L-istandards magħżula fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni jistgħu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 922/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej (ISA)[20] li tistabbilixxi, għall-perjodu 2010-2015, programm dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, u li jipprovdi soluzzjonijiet komuni u maqsuma għall-faċilitazzjoni tal-interoperabbiltà.

(23) Jistgħu jinqalgħu sitwazzjonijiet fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fejn ikun xieraq li jitħeġġeġ l-użu tal-konformità mal-istandards speċifikati fil-livell tal-Unjoni, jew li jkun hemm obbligu għal dan, sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà fis-suq uniku u biex ikun hemm iktar libertà tal-għażla għall-utenti. F'ċirkostanzi oħra, jista' jiġri wkoll li l-istandards Ewropej speċifikati ma jkunux għadhom jissodisfaw il-bżonnijiet tal-konsumaturi jew ikunu qed ifixklu l-iżvilupp teknoloġiku. Għal dawn ir-raġunijiet, id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi[21] tipperemetti lill-Kummissjoni, fejn ikun hemm bżonn, li titlob lill-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex ifasslu standards, biex jistabbilixxu lista ta' standards u/jew speċifikazzjonijiet ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb li jħeġġu l-użu tagħhom, jew li jagħmlu l-implimentazzjoni tagħhom obbligatorja, jew li jneħħu standards u/jew speċifikazzjonijiet minn dik il-lista.

(24) Dan ir-Regolament ma għandux jimpedixxi lill-korpi Ewropej ta' standardizzazzjoni milli jkomplu jiżviluppaw l-istandards fil-qasam tat-tekonoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u milli jżidu l-kooperazzjoni tagħhom ma' korpi oħra li jiżviluppaw l-istandards, speċjalment fil-qasam tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, sabiex tiġi żgurata l-koerenza u tiġi evitata l-frammentazzjoni jew id-duplikazzjoni matul l-implimentazzjoni tal-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet.

---

[20] ĠU L 260, 3.10.2009, p. 20.
[21] ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33.

(25) Id-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tistabbilixxi r-regoli dwar il-kontribut tal-Unjoni għall-finanzjament tal-istandardizzazzjoni Ewropea sabiex jiġi żgurat li l-istandards Ewropej u prodotti oħra tal-istandardizzazzjoni Ewropea jiġu żviluppati u riveduti b'appoġġ tal-għanijiet, il-leġiżlazzjoni u l-politika tal-Unjoni. Għall-iskop tas-simplifikazzjoni amministrattiva u baġitarja, jixraq li f'dan ir-Regolament jiġu inkorporati d-dispożizzjonijiet ta' dik id-Deċiżjoni b'konformità mar-Regolament Finanzjarju ġdid propost.

(26) Fid-dawl tal-ambitu wiesa' ħafna tal-istandardizzazzjoni Ewropea fl-appoġġ tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u tat-tipi differenti ta' attivitajiet tal-istandardizzazzjoni, jinħtieġ li jkun hemm arranġamenti differenti għall-finanzjament. Dan jittratta prinċipalment għotjiet mingħajr sejħiet għall-proposti lill-korpi Ewropej u nazzjonali tal-istandardizzazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 110(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej[22] u l-Artikolu 168(1)(d) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej[23]. Minbarra dan, l-istess dispożizzjonijiet għandhom japplikaw għall-korpi li, filwaqt li mhumiex rikonoxxuti bħala korpi Ewropej ta' standardizzazzjoni f'dan ir-Regolament, ingħataw mandat f'att bażiku u huma inkarigati bit-twettiq ta' xogħol preliminari b'appoġġ għall-istandardizzazzjoni Ewropea b'kooperazzjoni mal-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni.

(27) Billi l-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni jipprovdu għajnuna kontinwa lill-attivitajiet tal-Komunità, dawn għandu jkollhom segretarjati ċentrali effettivi u effiċjenti. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha tkun f'pożizzjoni li tagħti għotjiet lil dawk il-korpi, li l-iskop tagħhom huwa wieħed ta' interess ġenerali Ewropew, bla ma tapplika, fil-każ tal-għotjiet operattivi, il-prinċipju tat-tnaqqis annwali msemmi fl-Artikolu 113(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

(28) Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013)[24], id-Deċiżjoni Nru 1926/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-konsumatur (2007-2013)[25] u r-Regolament (KE) Nru 614/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE+)[26] diġà joffru l-possibbiltà li jingħata appoġġ finanzjarju lill-organizzazzjonijiet Ewropej li jirrappreżentaw l-SMEs, il-konsumaturi u l-interessi ambjentali fl-istandardizzazzjoni, fil-waqt li għotjiet speċifiċi jingħataw lill-organizzazzjonijiet Ewropej li jirrappreżentaw l-interessi soċjali fl-istandardizzazzjoni. Il-finanzjament skont id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE, id-Deċiżjoni Nru 1936/2006/KE u r-Regolament (KE) Nru 614/2007 se jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2012. Huwa essenzjali għall-iżvilupp tal-istandardizzazzjoni Ewropea

---

22 ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
23 ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.
24 ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15.
25 ĠU L 404, 30.12.2006, p. 39.
26 ĠU L 149, 9.6.2007, p. 1.

li l-parteċipazzjoni attiva tal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-SMEs, il-konsumaturi u l-interessi ambjentali u soċjali tkompli tiġi mħeġġa. Dawn l-organizzazzjonijiet għandhom għan ta' interess Ewropew ġenerali u, minħabba l-mandat speċifiku tagħhom li l-organizzazzjonijiet nazzjonali bla profitt tawhom, jikkostitwixxu netwerk Ewropew li jirrappreżenta l-korpi bla profitt attivi fl-Istati Membri u li jippromwovu l-prinċipji u l-politiki konsistenti mal-għanijiet tat-Trattati. Minħabba li kuntest li joperaw fih u l-għanijiet statutorji tagħhom, l-organizzazzjonijiet Ewropej li jirrappreżentaw l-SMEs, il-konsumaturi u l-interessi ambjentali u soċjali fl-istandardizzazzjoni Ewropea, għandhom rwol permanenti li huwa essenzjali għall-attivitajiet u l-politiki tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha tkun f'pożizzjoni li tagħti għotjiet lil dawk il-korpi bla ma tapplika, fil-każ tal-għotjiet operattivi, il-prinċipju tat-tnaqqis annwali msemmi fl-Artikolu 113(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

(29) Il-finanzjament tal-attivitajiet tal-istandardizzazzjoni għandu jkun ukoll kapaċi jkopri attivitajiet preliminari jew attivitajiet anċillari fir-rigward tat-twaqqif ta' standards jew prodotti oħra tal-istandardizzazzjoni. Dan huwa meħtieġ b'mod partikolari għax-xogħol li jinvolvi r-riċerka, it-tħejjija ta' dokumenti preliminari għal-leġiżlazzjoni, it-twettiq ta' testijiet bejn laboratorji differenti u l-validazzjoni jew l-evalwazzjoni tal-istandards. Il-promozzjoni tal-istandardizzazzjoni fil-livell Ewropew u internazzjonali għandha tkompli permezz ta' programmi marbuta mal-kooperazzjoni u l-assistenza teknika lil pajjiżi terzi u l-kooperazzjoni magħhom. Sabiex jittejjeb l-aċċess għas-swieq u tissaħħaħ il-kompetittività tal-intrapriżi fl-Unjoni, għandu jkun hemm il-possibilità li jingħataw għotjiet lil korpi oħra permezz ta' sejħiet għall-proposti jew, fejn ikun il-każ, bl-għoti ta' kuntratti.

(30) Il-finanzjament tal-Unjoni għandu jipprova jistabbilixxi standards jew prodotti oħra tal-istandardizzazzjoni, jiffaċilita l-użu tagħhom mill-intrapriżi permezz tat-traduzzjoni tagħhom fil-lingwi varji tal-Unjoni, isaħħaħ il-koeżjoni tas-sistema Ewropea tal-istandardizzazzjoni u jiżgura aċċess ġust u trasparenti għall-istandards Ewropej għall-parteċipanti tas-suq kollha fl-Unjoni. Dan huwa importanti b'mod speċjali fir-rigward ta' każijiet fejn l-użu tal-istandards jippermetti konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

(31) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, għandu jkun hemm il-possibilità tal-użu tal-kompetenza neċessarja, partikolarment fil-qasam tal-verifika u tal-ġestjoni finanzjarja, kif ukoll tal-mezzi ta' appoġġ amministrattiv li jistgħu jiffaċilitaw l-implimentazzjoni u l-valutazzjoni fuq bażi regolari r-relevanza tal-attivitajiet li jirċievu l-finanzjament mill-Unjoni biex jiġu żgurati l-utilità u l-impatt tagħhom.

(32) Jeħtieġ ukoll li jittieħdu miżuri xierqa biex jiġu evitati l-frodi u l-irregolaritajiet, kif ukoll biex jiġu rkuprati fondi li jkunu tħallsu mingħajr ma kienu dovuti f'konformità mar-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej[27] u (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-kontroll u l-ispezzjonijiet fuq il-post immexxija mill-Kummissjoni għall-ħarsien tal-interessi

[27] ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.

finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej mill-frodi u minn irregolaritajiet oħra[28], u mar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF)[29].

(33) Sabiex taġġorna l-listi ta' korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni, biex tadatta l-kriterji għar-rikonoxximent tal-istandards fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għall-iżvilupp teknoloġiku u biex jiġu adattati l-kriterji għall-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-SMEs u l-partijiet interessati fis-soċjetà għal iktar żviluppi fir-rigward tan-natura tagħhom mingħajr qligħ u r-rappreżentattività tagħhom, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 20 tat-Trattat għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni għall-emendi tal-Annessi ta' dan ir-Regolament. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti.

(34) Meta tħejji u tfassal atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura li ssir trasmissjoni tad-dokumenti rilevanti f'ħin xieraq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(35) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom ikunu konferiti lill-Kummissjoni. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali rigward il-mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni[30].

(36) Il-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet fir-rigward tal-oġġezzjonijiet għall-istandards armonizzati li l-Kummissjoni tqis li huma ġustifikati u fejn ir-referenzi għall-istandard armonizzat ikkonċernat ikunu għadhom ma ġewx ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, billi l-istandard relevanti għadu ma wassalx għall-preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stipulati fil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni.

(37) Il-proċedura tal-eżami għandha tintuża għall-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet fir-rigward tal-oġġezzjonijiet għall-istandards armonizzati li l-Kummissjoni tqis li huma ġustifikati u fejn ir-referenzi għall-istandard armonizzat ikkonċernat ikunu għadhom ma ġewx ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, billi deċiżjoni bħal din ikollha l-konsegwenzi fuq il-preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli.

(38) Ladarba l-istandardizzazzjoni fil-livell Ewropew ma tistax issir b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri u tista', għalhekk, minħabba l-iskala tagħha, tinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan tiegħu.

---

28 ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.
29 ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.
30 ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

(39) Id-Direttivi 98/34/KE, 89/686/KEE, 93/15/KEE, 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/105/KE u 2009/23/KE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

(40) Id-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE u d-Deċiżjoni 87/95/KEE għandhom għalhekk jiġu revokati,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu I
Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 1
Is-suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli dwar il-kooperazzjoni bejn il-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni, il-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni u l-Kummissjoni, it-twaqqif ta' standards Ewropej u prodotti tal-istandardizzazzjoni Ewropea għal prodotti u servizzi li jappoġġaw il-leġiżlazzjoni u l-politiki ir-rikonoxximent tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (minn hawn 'il quddiem "ICT") u l-finanzjament tal-istandardizzazzjoni Ewropea.

Artikolu 2
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(1) 'standard' tfisser speċifikazzjoni teknika għal applikazzjoni ripetuta jew kontinwa, li l-konformità magħha mhijiex obbligatorja u li hija waħda minn dawn li ġejjin:

(a) 'standard internazzjonali' tfisser standard adottat minn korp internazzjonali tal-istandardizzazzjoni;

(b) 'standard Ewropew' tfisser standard adottat minn wieħed mill-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni;

(c) 'standard armonizzat' tfisser standard Ewropew adottat fuq il-bażi ta' talba mill-Kummissjoni għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni;

(d) 'standard internazzjonali' tfisser standard adottat minn korp nazzjonali tal-istandardizzazzjoni;

(e) 'standard ICT' tfisser standard fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

(2) 'Prodott tal-istandardizzazzjoni Ewropea' tfisser kwalunkwe speċifikazzjoni teknika oħra li mhix standard Ewropew, adottata minn korp Ewropew tal-istandardizzazzjoni għall-applikazzjoni ripetuta u kontinwa u li l-konformità magħha mhijiex obbligatorja;

(3) ‘abbozz ta’ standard’ tfisser dokument li jkun fih it-test tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jkollhom x’jaqsmu ma’ suġġett partikolari, li jkun qiegħed jiġi kkunsidrat għall-adozzjoni skont il-proċedura tal-istandards relevanti, kif dan id-dokument ikun jinsab wara x-xogħol ta’ tħejjija u kif ikun ġie ċċirkolat għall-kummenti jew l-iskrutinju tal-pubbliku;

(4) ‘speċifikazzjoni teknika’ tfisser speċifikazzjoni f'dokument li jistipula wieħed minn dawn:

(a) il-karatteristiċi meħtieġa minn prodott, inkluż il-livelli tal-kwalità, il-prestazzjoni, l-interoperabbiltà, is-sikurezza jew id-dimensjonijiet, inklużi r-rekwiżiti applikabbli għall-prodott fir-rigward tal-isem li jinbiegħ bih, it-terminoloġija, is-simboli, l-ittestjar u l-metodi tal-ittestjar, l-imballaġġ, l-immarkar u l-ittikkettjar u l-proċeduri tal-evalwazzjoni tal-konformità;

(b) il-metodi u l-proċessi tal-produzzjoni użati għall-prodotti agrikoli msemmija fl-Artikolu 38(1) tat-Trattat, il-prodotti maħsuba għall-konsum mill-bniedem jew mill-annimali, u l-prodotti mediċinali, kif ukoll il-metodi u l-proċessi tal-produzzjoni li għandhom x'jaqsmu ma' prodotti oħra, fejn dawn ikolhom effett fuq il-karatteristiċi tagħhom;

(c) il-karatteristiċi rikjesti minn servizz inkluż il-livelli tal-kwalità, ir-rendiment, l-interoperabbiltà, is-sikurezza, inklużi r-rekwiżiti applikabbli fuq il-fornitur fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tingħata lir-riċevitur, kif imsemmi fl-Artikolu 22(1) sa (3) tad-Direttiva 2006/123/KE;

(d) il-metodi u l-kriterji għall-evalwazzjoni tar-rendiment tal-prodotti tal-bini, kif definit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kundizzjonijiet armonizzati għall-kumerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE[31], f'rabta mal-karatteristiċi essenzjali tagħhom.

(5) ‘prodott’ tfisser kull prodott immanifatturat b’mod industrijali u kull prodott agrikolu, inklużi prodotti tal-ħut;

(6) ‘servizz’ tfisser kull attività ekonomika ta' impjieg awtonomu normalment ipprovdut b’rimunerazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 57 tat-Trattat;

(7) ‘korp Ewropew tal-istandardizzazzjoni’ tfisser korp li hemm referenza għalih fl-Anness I;

(8) "Korp għall-istandardizzazzjoni internazzjonali" tfisser l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO), il-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali (IEC) u l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (ITU);

---

[31] ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5.

Kapitolu II
It-trasparenza u l-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati

Artikolu 3
It-trasparenza tal-programmi ta' ħidma tal-korpi tal-istandardizzazzjoni

1. Mill-inqas darba fis-sena, kull korp Ewropew u nazzjonali tal-istandardizzazzjoni għandu jistabbilixxi l-programm ta' ħidma tiegħu. Dak il-programm ta' ħidma għandu jkun fih informazzjoni dwar l-istandards u l-prodotti tal-istandardizzazzjoni Ewropea li biħsiebu jħejji jew jemenda, li qed iħejji jew jemenda u li adotta fil-perjodu preċedenti, sakemm dawn ma jkunux traspożizzjonijiet identiċi jew ekwivalenti ta' standards internazzjonali jew Ewropej.

2. Għal kull standard u prodott Ewropew tal-istandardizzazzjoni l-programm ta' ħidma għandu jindika:

   (a) is-suġġett;

   (b) l-istadju li fih jinsab l-iżvilupp tal-istandards u l-prodotti tal-istandardizzazzjoni Ewropea;

   (c) ir-referenzi ta' kull standard internazzjonali meħud bħala bażi.

3. Kull korp Ewropew u nazzjonali tal-istandardizzazzjoni għandu jagħmel il-programm ta' ħidma tiegħu disponibbli fuq il-websajt tiegħu jew kwalunkwe websajt oħra disponibbli pubblikament u jagħmel avviż dwar l-eżistenza tal-programm ta' ħidma f'pubblikazzjoni nazzjonali jew, fejn xieraq, pubblikazzjoni Ewropea tal-attivitajiet tal-istandardizzazzjoni.

4. Mhux iktar tard mill-waqt tal-pubblikazzjoni tal-programm ta' ħidma tiegħu, kull korp Ewropew jew nazzjonali tal-istandardizzazzjoni għandu jinnotifika l-eżistenza tal-programm lill-korpi Ewropew jew nazzjonali l-oħra tal-istandardizzazzjoni u lill-Kummissjoni.

5. Il-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni ma jistgħux joġġezzjonaw għall-inklużjoni ta' suġġett għall-istandardizzazzjoni fil-programm ta' ħidma ta' korp Ewropew tal-istandardizzazzjoni.

Artikolu 4
Trasparenza tal-istandards

1. Kull korp Ewropew jew nazzjonali tal-istandardizzazzjoni għandu jibgħat kull abbozz ta' standards nazzjonali, standards Ewropej u prodott Ewropew tal-istandardizzazzjoni lill-korpi Ewropej jew nazzjonali l-oħra tal-istandardizzazzjoni u lill-Kummissjoni, fuq talba tagħhom.

6. Kull korp Ewropew jew nazzjonali tal-istandardizzazzjoni għandu minnufih iwieġeb u jqis kull kumment li jasallu mingħand korpi Ewropej jew nazzjonali oħra tal-istandardizzazzjoni u mill-Kummissjoni dwar kull tali abbozz.

7. Il-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni għandhom jiżguraw dan li ġej:

   (a) il-pubblikazzjoni tal-abbozzi tal-istandards b'tali mod li l-partijiet stabbiliti fi Stati Membri oħra jkollhom l-opportunità jibagħtu l-kummenti tagħhom;

   (b) jippermettu lil korpi nazzjonali oħra tal-istandardizzazzjoni jkunu involuti b'mod passiv jew attiv fl-attivitajiet ippjanati billi jibagħtu osservatur.

Artikolu 5
Parteċipazzjoni tal-partijiet interessati fl-istandardizzazzjoni Ewropea

1. Il-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni għandhom jiżguraw rappreżentanza xierqa tal-intrapriżi żgħar u medji (minn hawn 'il quddiem 'SMEs'), tal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u partijiet interessati ambjentali u soċjali, partikolarment permezz tal-organizzazzjonijiet imsemmija fl-Anness III, fil-livell tal-iżvilupp tal-politika u mill-inqas fl-istadji li ġejjin tal-iżvilupp tal-istandards Ewropej jew il-prodotti tal-istandardizzazzjoni Ewropea:

   (a) il-proposta u l-aċċettazzjoni ta' punti ġodda fl-aġenda ta' ħidma;

   (b) id-diskussjoni teknika dwar il-proposti;

   (c) it-tressiq ta' kummenti dwar l-abbozzi;

   (d) ir-reviżjoni ta' standards Ewropej eżistenti jew prodotti tal-istandardizzazzjoni Ewropea eżistenti;

   (e) it-tixrid tal-istandards Ewropej u l-prodotti tal-istandardizzazzjoni Ewropea adottati, u l-promozzjoni tagħhom.

8. Il-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni għandhom jiżguraw rappreżentanza xierqa, fil-livell tekniku, tal-impriżi, iċ-ċentri tar-riċerka u l-universitajiet u entitajiet legali oħra, fl-attivitajiet tal-istandardizzazzjoni f'qasam ġdid b'implikazzjonijiet politiċi jew tekniċi sinifikanti, jekk l-entitajiet legali kkonċernati ppartecipaw fi proġett marbut ma' dak il-qasam u li kien iffinanzjat mill-Unjoni fi programm ta' qafas multiannwali għal attivitajiet fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku.

Kapitolu III
L-istandards Ewropej u l-prodotti tal-istandardizzazzjoni Ewropea b'appoġġ tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni

Artikolu 6
Il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-istandardizzazzjoni Ewropea

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta programm ta' ħidma ta' standardizzazzjoni Ewropea li jindika l-istandards Ewropej u l-prodotti tal-istandardizzazzjoni Ewropea li biħsiebha titlob mill-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni skont l-Artikolu 7.

9. Il-programm ta' ħidma tal-istandardizzazzjoni Ewropea msemmi fil-paragrafu 1 għandu jispeċifika l-għanijiet u l-politiki speċifiċi għall-istandards Ewropej u l-prodotti tal-istandardizzazzjoni Ewropea l-oħra li l-Kummissjoni biħsiebha titlob mill-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni. F'każi ta' urġenza l-Kummissjoni tista' toħroġ it-talbiet mingħajr ebda avviż minn qabel.

Artikolu 7
It-talbiet tal-istandardizzazzjoni lill-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni

1. Il-Kummissjoni tista' titlob lil korp Ewropew tal-istandardizzazzjoni wieħed jew iktar biex jabbozza standard Ewropew jew prodott Ewropew tal-istandardizzazzjoni qabel data ta' skadenza stabbilita. Dawn għandhom ikunu mmexxija mis-suq, iqisu l-interess pubbliku u bbażati fuq il-kunsens.

10. Il-korp Ewropew tal-istandardizzazzjoni relevanti għandu jindika, fi żmien xahar wara li jirċievi t-talba msemmija fil-paragrafu 1, jekk hux se jaċċettaha.

11. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-korp Ewropew tal-istandardizzazzjoni, fi żmien tliet xhur wara li jirċievi l-aċċettazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, dwar l-għotja għall-abbozzar ta' standard Ewropew jew prodott Ewropew tal-istandardizzazzjoni.

12. Il-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet li jsiru għall-iżvilupp tad-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 8
Oġġezzjonijiet għall-istandards armonizzati

1. Meta Stat Membru jqis li standard armonizzat ma jissodisfax kompletament ir-rekwiżiti li huwa l-għan tiegħu li jkoprihom u li huma stipulati fil-leġiżlazzjoni relevanti tal-Unjoni, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan.

2. Meta l-Kummissjoni tqis li l-oġġezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu ġġustifikati, għandha tiddeċiedi:

(a) ali ma tippubblikax ir-referenzi għall-istandard armonizzat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew li tippubblikahom b'restrizzjoni;

(b) li żżomm b'restrizzjoni r-referenzi għall-istandard armonizzat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew li tirtirahom.

3. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-korp Ewropew tal-istandardizzazzjoni kkonċernat dwar id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2 u, jekk ikun meħtieġ, titlob li jiġu riveduti l-istandards armonizzati kkonċernati.

4. Id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2(a) ta' dan l-Artikolu għandha tiġi adottata skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 18(2).

5. Id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2(b) ta' dan l-Artikolu għandha tiġi adottata skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(3).

Kapitolu IV
Standards fil-qasam tal-ICT

Artikolu 9
Rikonoxximent tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċit fil-qasam tal-ICT

Fuq proposta minn awtorità pubblika msemmija fid-Direttiva 2004/18/KE jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tirrikonoxxi bħala standards tal-ICT, speċifikazzjonijiet tekniċi li mhumiex standards nazzjonali, Ewropej jew internazzjonali iżda li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Anness II.

Artikolu 10
L-użu tal-istandards tal-ICT fl-akkwisti pubbliċi

L-istandards tal-ICT imsemmija fl-Artikolu 9 għandhom jikkostitwixxu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni msemmija fid-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE, u r-Regolament (KE) Nru 2342/2002.

Kapitolu V
Il-finanzjament tal-istandardizzazzjoni Ewropea

Artikolu 11
Il-finanzjament tal-korpi tal-istandardizzazzjoni mill-Unjoni

1. Il-finanzjament mill-Unjoni jista' jingħata lill-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni għall-attivitajiet tal-istandardizzazzjoni li ġejjin:

(a) l-iżvilupp u r-reviżjoni tal-istandards Ewropej jew tal-prodotti tal-istandardizzazzjoni Ewropea li huma meħtieġa u adatti għall-appoġġ tal-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;

(b) il-verifika tal-kwalità u tal-konformità mal-politika u l-legiżlazzjoni korrispondenti tal-Unjoni, tal-istandards Ewropej jew tal-prodotti tal-istandardizzazzjoni Ewropea;

(c) ir-rendiment tal-ħidma preliminari jew anċillari f'rabta mal-istandardizzazzjoni Ewropea, inkluż studji, attivitajiet ta' kooperazzjoni, seminars, evalwazzjonijiet, analiżijiet komparattivi, ħidma ta' riċerka, xogħol fil-laboratorju, testijiet f'laboratorji differenti, xogħol ta' evalwazzjoni tal-konformità u miżuri li jiżguraw li l-perjodi għall-iżvilupp u r-reviżjoni tal-istandards Ewropej jew il-prodotti tal-istandardizzazzjoni Ewropea jitqassru;

(d) l-attivitajiet tas-segretarjati ċentrali tal-korpi tal-istandards Ewropej, bħalma huma l-iżvilupp tal-politika, il-koordinazzjoni tal-attivitajiet għall-istandardizzazzjoni, l-ipproċessar ta' xogħol tekniku u l-għoti ta' informazzjoni lill-partijiet interessati;

(e) it-traduzzjoni, fejn meħtieġa, tal-istandards Ewropej jew il-prodotti tal-istandardizzazzjoni Ewropea użati b'appoġġ tal-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'lingwi uffiċjali tal-Unjoni barra l-lingwi operattivi tal-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni jew, f'każijiet iġġustifikati kif suppost, f'lingwi oħra barra l-lingwi uffiċjali tal-Unjoni,

(f) it-tfassil ta' informazzjoni biex tispjega, tinterpreta u tissimplifika l-istandards Ewropej jew il-prodotti tal-istandardizzazzjoni Ewropea, inkluż it-tfassil ta' gwidi għall-utenti, informazzjoni tal-aħjar prassi u azzjonijiet ta' promozzjoni;

(g) attivitajiet għat-twettiq ta' programmi ta' assistenza teknika, kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u l-promozzjoni u l-iżvilupp tas-sistema Ewropea tal-istandardizzazzjoni u tal-istandards Ewropej u l-prodotti tal-istandardizzazzjoni Ewropea fost il-partijiet interessati fl-Unjoni u fil-livell internazzjonali.

2. Il-finanzjament mill-Unjoni jista' jinagħta lil:

(a) korpi nazzjonali għall-istandardizzazzjoni għall-attivitajiet ta' standardizzazzjoni msemmijin fil-paragrafu 1, li jwettqu flimkien mal-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni;

(b) korpi oħrajn li ngħataw mandat biex iwettqu x-xogħol imsemmi fil-punti (a), (c) u (g) tal-paragrafu 1, b'kooperazzjoni mal-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni.

Artikolu 12
Il-finanzjament ta' Organizzazzjonijiet Ewropej oħra mill-Unjoni

Il-finanzjament mill-Unjoni jista' jingħata lill-organizzazzjonijiet imsemmija fl-Anness III għall-attivitajiet li ġejjin:

(a) il-funzjonament ta' dawn l-organizzazzjonijiet u tal-attivitajiet tagħhom marbuta mal-istandardizzazzjoni Ewropea u internazzjonali, inklużi l-ipproċessar tal-ħidma teknika u l-għoti tal-informazzjoni lill-membri u lil partijiet interessati oħra;

(b) għarfien espert legali u tekniku, inklużi studji, f'rabta mal-evalwazzjoni tal-ħtieġa għal standards Ewropej u l-prodotti tal-istandardizzazzjoni Ewropea u l-iżvilupp tagħhom;

(c) il-parteċipazzjoni f'xogħol tekniku fl-iżvilupp u r-reviżjoni tal-istandards Ewropej u l-prodotti tal-istandardizzazzjoni Ewropea li huma meħtieġa u adatti għall-appoġġ tal-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;

(d) il-verifika tal-kwalità u tal-konformità mal-politika u l-legiżlazzjoni korrispondenti tal-Unjoni, tal-istandards Ewropej u tal-prodotti tal-istandardizzazzjoni Ewropea;

(e) il-promozzjoni tal-istandards Ewropej u tal-prodotti tal-istandardizzazzjoni Ewropea, u l-informazzjoni dwar l-istandards fost il-partijiet interessati u l-użu tagħhom.

Artikolu 13
Arranġamenti finanzjarji

1. Il-finanzjament mill-Unjoni għandu jingħata fl-għamla ta':

(a) għotjiet mingħajr sejħa għall-proposti, jew kuntratti wara li jsiru l-proċeduri tal-akkwist pubbliku, lil:

(i) korpi Ewropej u nazzjonali tal-istandardizzazzjoni biex iwettqu l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 11(1);

(ii) korpi identifikati b'att bażiku, skont it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 biex iwettqu, f'kollaborazzjoni mal-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni, ix-xogħol imsemmi fl-Artikolu 11(1)(c) ta' dan ir-Regolament;

(b) għotjiet wara sejħa għall-proposti, jew kuntratti wara li jsiru l-proċeduri tal-akkwist pubbliku, lil korpi oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 11(2)(b) biex iwettqu, b'kollaborazzjoni mal-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni:

(i) il-produzzjoni u r-reviżjoni tal-istandards Ewropej u l-prodotti tal-istandardizzazzjoni Ewropea msemmija fl-Artikolu 11(1)(a);

(ii) il-ħidma preliminari jew anċillari msemmija fl-Artikolu 11(1)(c);

(iii) l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 11(1)(g).

(c) għotjiet wara sejħa għall-proposti lill-organizzazzjonijiet imsemmija fl-Anness III biex iwettqu l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 12.

13. L-attivitajiet tal-korpi msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu ffinanzjati permezz ta':

(a) għotjiet għall-azzjonijiet;

(b) għotjiet għall-finanzjament tal-ħidmiet għall-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni u għall-organizzazzjonijiet imsemmijin fl-Anness III, skont ir-regoli stabbiliti fir-

Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002. Fil-każ tat-tiġdid, l-għotjiet operattivi ma għandhomx jitnaqqsu awtomatikament.

14. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-arranġamenti għall-finanzjament imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, dwar l-ammonti tal-għotjiet u, fejn ikun meħtieġ, dwar il-perċentaġġ massimu ta' finanzjament skont it-tip ta' attivita'.

15. Ħlief f'każi ġġustifikati, l-għotjiet imsemmija fl-Artikolu 11(1)(a) u (b) li jinagħtaw għall-attivitajiet ta' standardizzazzjoni għandhom ikunu f'somma sħiħa li titħallas meta jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istandards Ewropej jew il-prodotti tal-istandardizzazzjoni Ewropea mitluba mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7 jiġu adottati jew riveduti f'perjodu ta' żmien li mhux iktar mill-perjodu speċifikat fit-talba msemmija fl-Artikolu 7;

(b) SMEs, organizzazzjonijiet tal-konsumatur u partijiet interessati ambjentali u soċjali għandhom ikunu rappreżentati b'mod xieraq fil-ħidma Ewropea tal-istandardizzazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 5(1).

16. L-għanijiet komuni ta' kooperazzjoni u l-kundizzjonijiet amministrattivi u finanzjarji marbuta mal-għotjiet li jingħataw lill-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni u lill-organizzazzjonijiet imsemmija fl-Anness III għandhom ikunu ddefiniti fil-ftehimiet ta' qafas ta' sħubija ffirmati mill-Kummissjoni u minn dawk il-korpi u l-organizzazzjonijiet, skont ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' dawn il-ftehimiet.

Artikolu 14
Immaniġġjar

L-approprjazzjonijiet iddeterminati mill-awtorità tal-baġit għall-finanzjament tal-attivitajiet tal-istandardizzazzjoni jistgħu jkopru wkoll l-ispejjeż amministrattivi marbuta mat-tħejjija, il-monitoraġġ, l-ispezzjoni, il-verifika u l-valutazzjoni, li jkunu direttament meħtieġa għall-iskopijiet tal-Artikoli 11, 12 u 13, inklużi l-istudji, il-laqgħat, l-attivitajiet ta' informazzjoni u ta' pubblikazzjoni, l-ispejjeż marbuta man-networks tal-informatika għall-iskambju tal-informazzjoni kif ukoll kull spiża oħra għall-assistenza amministrattiva u teknika li l-Kummissjoni tista' tuża għall-attivitajiet tal-istandardizzazzjoni.

Artikolu 15
Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu mħarsa bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra frodi, korruzzjoni u attivitajiet illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa mhux kif dovut u, jekk jiġu individwati irregolaritajiet, permezz ta' pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi, skont ir-Regolamenti (KE, Euratom) Nru 2988/95, (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (KE) Nru 1073/1999.

17. Għall-attivitajiet tal-Unjoni ffinanzjati skont dan ir-Regolament, il-kunċett ta' irregolarità msemmi fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 għandu jfisser kwalunkwe ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi tal-Unjoni jew kwalunkwe inadempjenza ta' xi obbligu kuntrattwali li jkunu r-riżultat ta' att jew ommissjoni minn operatur ekonomiku, li jkollhom, jew jista' jkollhom l-effett li jippreġudikaw il-baġit ġenerali tal-Unjoni jew baġits amministrati minnha b'nefqa mhux ġustifikata.

18. Kull ftehim u kull kuntratt li jsir bis-saħħa ta' dan ir-Regolament għandu jipprovdi għall-monitoraġġ u l-kontroll finanzjarju mill-Kummissjoni jew minn kwalunkwe rappreżentant li hija tawtorizza, u għall-verifiki mill-Qorti tal-Awdituri, li jekk ikun meħtieġ, għandhom isiru fuq il-post.

Kapitolu VI
Atti ddelegati, il-kumitat u r-rappurtar

Artikolu 16
Atti delegati

Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 17 fir-rigward ta' emendi għall-Annessi, sabiex:

(a) taġġorna l-lista ta' korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni stipulati fl-Anness I;

(b) tadatta l-kriterji għar-rikonoxximent tal-istandards fil-qasam tal-ICT stipulati fl-Anness II għall-iżviluppi tekniċi;

(c) tadatta l-kriterji għall-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-SMEs u l-imsieħba soċjali stipulati fl-Anness III għall-iktar żviluppi fir-rigward tan-natura bla qligħ tagħhom u r-rappreżentattività tagħhom.

Artikolu 17
Eżerċizzju tad-delegazzjoni

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati tingħata lill-Kummissjoni bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

19. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 16 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mill-1 ta' Jannar 2013.

20. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 16 tista' tiġi revokata f'kull ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni tar-revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-publikazzjoni tad-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data sussegwenti speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li diġà jkunu fis-seħħ.

21. Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess waqt.

22. Att delegat adottat skont l-Artikoli 16(5) u 32 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġġedded b'xahrejn oħra fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 18
Proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

23. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

24. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

25. Meta l-opinjoni tal-kumitat trid tinkiseb bi proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tiġi tterminata mingħajr riżultat meta, fil-perjodu ta' żmien għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi hekk jew maġġoranza sempliċi ta' membri tal-kumitat jitolbu hekk.

Artikolu 19
Rapporti

1. Il-Korpi għall-Istandardizzazzjoni Ewropea għandhom jibagħtu rapport annwali lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan għandu jkun fih tagħrif iddettaljat dwar dawn li ġejjin:

(a) L-applikazzjoni tal-Artikoli 4, 5, 6, 11 u 13;

(b) Ir-rappreżentanza tal-SMEs, tal-organizzazzjonijiet tal-konsumatur u tal-ambjent u partijiet interessati soċjali f'korpi għall-istandardizzazzjoni nazzjonali.

26. L-organizzazzjonijiet imsemmijin fl-Anness III li rċivew finanzjament skont dan ir-Regolament għandhom jibagħtu rapport annwali lill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet tagħhom. Dan ir-rapport għandu b'mod partikolari jkun fih tgħarif iddettaljat dwar is-sħubija ta' dawn l-organizzaqzzjonijiet u l-attivitajiet imsemmijin fl-Artikolu 12.

27. Sal-31 ta' Diċembru 2015 u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tirapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan ir-rapport għandu jkun fih valutazzjoni tar-relevanza tal-attivitajiet tal-istandardizzazzjoni li qegħdin jieħdu finanzjament mill-Unjoni fid-dawl tar-rekwiżiti tal-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

Kapitolu VII
Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 20
Emendi

1. Id-disposizzjonijiet li ġejjin huma mħassra:

(a) l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 89/686/KEE;

(b) L-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/15/KEE;

(c) l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 94/9/KE;

(d) l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 94/25/KE;

(e) l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 95/16/KE;

(f) l-Artikolu 6 tad-Direttiva 97/23/KE;

(g) l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2004/22/KE;

(h) l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2007/23/KE;

(i) l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2009/105/KE;

(j) L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2009/23/KE.

28. Id-Direttiva 98/34/KE għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) Tħassru il-paragrafi 6 sa 10 tal-Artikolu 1 u l-Artikoli 2, 3 u 4;

(b) fl-Artikolu 6(1), tħassru l-kliem, "mar-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet għall-istandards imsemmijin fl-Annessi I u II;

(c) Fl-Artikolu 6(3) tħassar l-ewwel inċiż;

(d) Tħassru l-punti (a), (b) u (e) tal-Artikolu 6(4);

(e) Fl-Artikolu 11, it-tieni sentenza tinbidel bis-sentenza li ġejja: "Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-istatistiċi annwali dwar in-notifiki li tirċievi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.".

(f) L-Annessi I u II huma mħassra.

Artikolu 21
Korpi Nazzjonali għall-istandardizzazzjoni

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-korpi tagħhom għall-istandardizzazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika lista ta' korpi nazzjonali għall-istandardizzazzjoni u kull aġġorniment li jsir għal dik il-lista f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 22
Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

F'atti tal-Unjoni li jipprevedu preżunzjoni ta' konformità ma' rekwiżiti essenzjali permezz tal-applikazzjoni tal-istandards armonizzati adottati skont id-Direttiva 98/34/KE, ir-referenzi għad-Direttiva 98/34/KE għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament, minbarra r-referenzi għall-kumitat imwaqqaf bl-Artikolu 5tad-Direttiva 98/34/KE.

Fejn att ieħor tal-Unjoni jipprevedi proċedura għall-oġġezzjoni kontra standards armonizzati, l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament ma jkunx japplika għal dak l-att.

Artikolu 23
Tħassir

Id-Deċiżjonijiet Nru 1673/2006/KE u 87/95/KE huma mħassra.

Referenzi għad-Deċiżjonijiet revokati għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 24
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

ANNESS I

IL-KORPI EWROPEJ TAL-ISTANDARDIZZAZZJONI

1. Il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni
2. CENELEC – Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika
3. ETSI Istitut Ewropew ta' l-Istandards ta' Telekomunikazzjoni

ANNESS II

REKWIŻITI GĦAR-RIKONOXXIMENT TA' SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI FIL-QASAM TAL-ICT

1. l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ġew aċċettati fis-suq u l-implimentazzjoni tagħhom ma tfixkilx l-interoperabbiltà mal-implimentazzjoni ta' standards eżistenti Ewropej jew internazzjonali. L-aċċettazzjoni fis-suq tista' tintwera b'eżempji operazzjonali ta' implimentazzjonijiet konformi mingħand bejjiegħa differenti.

2. l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ġew żviluppati minn organizzazzjoni li ma tagħmilx profitt li hija soċjetà professjonali, industrija jew assoċjazzjoni tal-kummerċ jew kwalunkwe organizzazzjoni ta' sħubija li fi ħdan iż-żona tagħha ta' għarfien tiżviluppa standards fil-qasam t-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-kommunikazzjoni u li mhijiex korp Ewropew, nazzjonali jew internazzjonali, permezz ta' proċessi li jissodisfaw il-kriterji li jmiss

   (a) onestà:

   l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ġew żviluppati fuq il-bażi ta' teħid tad-deċiżjonijiet aċċessibli għall-partijiet interessati kollha fis-suq jew swieq affettwati mill-istandard

   (b) kunsens:

   il-proċess ta' standardizzazzjoni kien kollaborativ u bbażat fuq il-kunsens u ma kienx favur xi parti interessati partikolari. Il-kunsens ifisser ftehim ġenerali, li huwa kkaratterizzat mill-assenza ta' oppożizzjoni sostnuta għal kwistjonijiet sostanzjali minn kwalunkwe parti importanti tal-interessi ikkonċernati u bi proċess li jinvolvi li jitfittex li jitqiesu l-fehmiet kollha tal-partijiet ikkonċernati u biex jiġu rrikonċiljati xi argumenti kunfliġġenti Il-kunsens ma jimplikax unanimità.

   (c) trasparenza

      (i) kull informazzjoni li tikkonċerna diskussjonijiet tekniċi u t-teħid tad-deċiżjonijiet ġiet arkivjata u identifikata.

      (ii) informazzjoni dwar attivitajiet ta' standardizzazzjoni (ġodda) tħabbret b'mod globali permezz ta' mezzi xierqa u aċċessibbli.

      (iii) il-parteċipazzjoni tal-kategoriji kollha ta' partijiet interessati intalbet bil-għan li jinkiseb bilanċ

      (iv) il-kummenti mill-partijiet interessati ġew ikkunsidrati u ngħataw risposta.

3. l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jirriflettu r-rekwiżiti li ġejjin:

   (a) <u>manutenzjoni</u>: L-appoġġ u l-manutenzjoni kontinwi ta' speċifikazzjonjiet pubblikati huma ggarantiti fuq perjodu twil.

(b) disponibilità: L-ispeċifikazzjonijiet huma disponibbli pubblikament għall-implimentazzjoni u għall-użu b'kundizzjonijiet raġonevoli (inkluż għal ħlas raġonevoli jew mingħajr ħlas).

(c) id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali essenzjali għall-implimentazzjoni ta' speċifikazzjonjiet huma lliċenzjati lil applikanti fuq bażi raġjonevoli (ġusta) u mhux diskriminatorja ((F) RAND), li tinkludi, għad-diskrezzjoni tad-detentur tad-drittijiet intelletwali, l-għoti tal-proprjetà intellettwali essenzjali mingħajr kumpens.

(d) rilevanza:

(i) l-ispeċifikazzjonijiet huma effettivi u rilevanti;

(ii) jeħtieġ li l-ispeċifikazzjonijiet iwieġbu għall-ħtiġijiet tas-suq u r-rekwiżiti regolatorji;

(e) newtralità u stabbiltà:

(i) meta jkun possibbli l-istandards għandhom ikunu diretti lejn il-prestazzjoni aktar milli bbażati fuq id-disinn jew karatteristiċi deskrittivi;

(ii) l-ispeċifikazzjonijiet ma jxekklux is-suq jew jillimitaw il-possibilitajiet għall-implimentaturi biex jiżviluppaw il-kompetizzjoni u l-innovazzjoni bbażati fuqhom.

(iii) l-ispeċifikazzjonijiet huma bbażati fuq żviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi avvanzati.

(f) kwalità:

(i) il-kwalità u l-livell ta' dettall huma biżżejjed biex jippermettu l-iżvilupp ta' varjetà ta' implimentazzjonijiet ta' prodotti u servizzi interoperabbli li qegħdin jikkompetu magħhom;

(ii) l-interfaċji standardizzati mhumiex moħbija jew ikkontrollati minn ħadd ħlief l-organizzazzjonijiet li adottae l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi

ANNESS III

ORGANIZZAZZJONIJIET EWROPEJ TAL-PARTIJIET INTERESSATI

(g) Organizzazzjoni Ewropea li tirrappreżenta l-SMEs fl-attivitajiet Ewropej ta' standardizzazzjoni li:

(i) mhijiex governattiva u ma tagħmilx qligħ.

(ii) tkun tħaddan bħala l-għanijiet u l-attivitajiet statutorji tagħha r-rappreżentanza tal-interessi tal-SMEs fil-proċess ta' standardizzazzjoni fil-livell Ewropew;

(iii) tkun ingħatat mandat minn organizzazzjonjiet li ma jagħmlux profitt li jirrapreżentaw lill-SME f'għall-inqas żewġ terzi tal-Istati Membri, biex tirrappreżenta l-interessi tal-SME fil-proċess ta' standardizzazzjoni fil-livell Ewropew.

(h) Organizzazzjoni Ewropea li tirrappreżenta l-konsumaturi fl-attivitajiet Ewropej ta' standardizzazzjoni li:

(i) mhijiex governattiva, ma tagħmilx qligħ, u hija indipendenti minn interessi industrijali, kummerċjali u ta' negozju jew minn kunflitti ta' interessi oħrajn,

(ii) tkun tħaddan bħala l-għanijiet u l-attivitajiet statutorji tagħha r-rappreżentanza tal-interessi tal-konsumaturi fil-proċess ta' standardizzazzjoni fil-livell Ewropew;

(iii) tkun ingħatat mandat minn organizzazzjonjiet nazzjonali tal-konsumatur li ma jagħmlux qliegħ f'mill-inqas żewġ terzi tal-Istati Membri, biex tirrappreżenta l-interessi tal-konsumaturi fil-proċess ta' standardizzazzjoni fil-livell Ewropew.

(i) Organizzazzjoni Ewropea li tirrappreżenta l-interessi ambjentali fl-attivitajiet Ewropej ta' standardizzazzjoni li:

(i) mhijiex governattiva, ma tagħmilx qligħ, u hija indipendenti minn interessi industrijali, kummerċjali u ta' negozju jew minn kunflitti ta' interessi oħrajn,

(ii) tkun tħaddan bħala l-għanijiet u l-attivitajiet statutorji tagħha r-rappreżentanza tal-interessi tal-konsumaturi fil-proċess ta' standardizzazzjoni fil-livell Ewropew;

(iii) tkun ingħatat mandat minn organizzazzjonjiet ambjentali nazzjonali li ma jagħmlux qliegħ f'mill-inqas żewġ terzi tal-Istati Membri, biex tirrappreżenta l-interessi ambjentali fil-proċess ta' standardizzazzjoni fil-livell Ewropew.

(j) Organizzazzjoni Ewropea li tirrappreżenta l-interessi soċjali fl-attivitajiet Ewropej ta' standardizzazzjoni li:

(i) mhijiex governattiva, ma tagħmilx qligħ, u hija indipendenti minn interessi industrijali, kummerċjali u ta' negozju jew minn kunflitti ta' interessi oħrajn,

(ii) tkun tħaddan bħala l-għanijiet u l-attivitajiet statutorji tagħha r-rappreżentanza tal-interessi soċjali fil-proċess ta’ standardizzazzjoni fil-livell Ewropew;

(iii) tkun ingħatat mandat minn organizzazzjonjiet soċjali nazzjonali li ma jagħmlux qliegħ f’mill-inqas żewġ terzi tal-Istati Membri, biex tirrappreżenta l-interessi soċjali fil-proċess ta' standardizzazzjoni fil-livell Ewropew.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma ta' politika konċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Għan(ijiet)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

1.7. Metodu(i) ta' mmaniġġjar previst(i)

2. MIŻURI TA' MMANIĠĠJAR

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rapportar

2.2. Sistema ta' mmaniġġjar u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u linja/i tal-baġit ta' nefqa affettwata/i

3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet operattivi

3.2.3. L-impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali

3.2.5. Parteċipazzjoni ta' partijiet terzi fil-finanzjament

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA

1.1. It-titolu tal-proposta

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/105/KE u 2009/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

1.2. Qasam/oqsma ta' politika konċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB[32]

It-Titolu 2 – Intrapriża – Kapitolu 02 03: Suq intern għall-prodotti u l-politiki settorjali

1.3. In-natura tal-proposta

Il-proposta hija marbuta mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

Ta' min wieħed jinnota li l-ammonti stabbiliti f'din id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva ma humiex ta' ħsara għall-proposta tal-Kummissjoni li ġejja dwar il-qafas finanzjarju multiannwali ta' wara l-2013. L-aproprjazzjonijiet baġitarji allokati għal din l-azzjoni se jiġu proposti mill-Kummissjoni fil-proċedura baġitarja annwali. Għaldaqstant, din id-dikjarazzjoni finanzjarja hija limitata għal sena waħda (2013).

1.4. Objettivi

1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/strateġiċi multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta

1a. Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi u attività/attivitajiet ABM/ABB ikkonċernata/i

L-għan speċifiku Nru 1

Biex jiġi rrevedut b'mod kontinwu l-acquis eżistenti tas-suq intern u tiġi proposta azzjoni ġdida leġiżlattiva jew mhux leġiżlattiva fejn jixraq.

---

32 ABM: Activity-Based Management [Immaniġġjar Abbażi ta' Attività] – ABB: Activity-Based Budgeting [Ibbaġittjar Abbażi ta' Attività].

1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistenni/mistennija

Il-proposta tistabbilixxi l-qafas ġenerali għall-istandardizzazzjoni Ewropea. Fiha għadd ta' elementi mingħajr impatti baġitarji (eż il-kooperazzjoni bejn il-korpi Ewropej ta' standardizzazzjoni, il-korpi nazzjonali ta' standardizzazzjoni u l-Kummissjoni) kif ukoll bażi legali għall-iffinanzjar ta' parti mill-attivitajiet ta' standardizzazzjoni mwettqa mill-korpi ta' standardizzazzjoni Ewropea - CEN, CENELEC u ETSI (minn hawn 'l quddiem imsejħa "ESOs") u l-bażi legali għall-appoġġ finanzjarju għall-organizzazzjonijiet Ewropej li jirrappreżentaw l-interessi tal-SMEs, tal-konsumaturi, dawk ambjentali u soċjali.

L-iffinanzjar ta' parti mis-sistema ta' standardizzazzjoni Ewropea permezz tal-ESOs huwa vitali għas-suq intern u għandu jitkompla. Minkejja dan, is-sistema għandha ssir iktar effiċjenti. Minn naħa, il-miżuri jittieħdu biex jaċċeleraw l-elaborazzjoni tal-istandards Ewropej mitluba mill-Kummissjoni. L-għodod finanzjarji se jintużaw biex jinkoraġġixxu l-ESOs biex ifittxu kunsens iktar attivament dwar is-suġġetti kuntenzjużi u biex jirrevedu xi proċessi interni. Min-naħa l-oħra, din il-proposta tinkludi trasferiment lejn arranġament iktar sempliċi, iktar mgħaġġel u iktar stabbli biex tiżdied l-effiċjenza tal-appoġġ finanzjarju mogħti mill-UE. Sett ta' arranġamenti sinifikament iktar sempliċi u inqas burokratiċi għandhom inaqqsu l-piż amministrattiv impost fuq is-servizzi operattivi u l-benefiċjarji. Dan il-piż jipprevjeni lis-servizzi milli jużaw ir-riżorsi tagħhom fuq għanijiet ta' politika u fuq implimentazzjoni f'waqtha, filwaqt li jimplika wkoll burokrazija eċċessiva għall-ESOs. Din il-proposta tirriforma l-iffinanzjar tal-ESOs billi tinkludi l-possibbiltà li dan jinbidel għal sistema bbażata fuq il-prestazzjoni, abbażi tad-definizzjoni ta' indikaturi u objettivi li dwarhom sar qbil (outputs u outcomes), u li ssir simplifikazzjoni tas-somom grossi, separati b'mod ċar minn kwalunkwe verifika tal-ispejjeż reali ta' implimentazzjoni.

L-appoġġ finanzjarju għall-organizzazzjonijiet Ewropej li jirrappreżentaw l-interessi tal-SMEs, il-konsumaturi, dawk ambjentali u soċjali għandu jitkompla wkoll. Sa issa, dawn kienu ffinanzjati permezz ta' diversi programmi, li l-biċċa l-kbira minnhom jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2013 Konsegwentement, huwa xieraq li dawn l-iskemi ta' appoġġ jiġu ssimplifikati u raggruppati skont l-istess bażi legali. Il-kriterji għall-eliġibilità għal dawn l-għotjiet, il-kundizzjonjiet għall-użu tagħhom u t-tip ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji huma allinjati u addattati għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-grupp korrispondenti ta' partijiet interessati sabiex, pereżempju, l-għotjiet operattivi jkunu jistgħu jingħataw lil organizzazzjoni Ewropea waħda f'kull qasam ekonomiku jew soċjali.

Il-prinċipji ta' tnaqqis gradwali għall-għotijiet operattivi li mhumiex għotjiet skont l-Artikolu 113 tar-Regolament Finanzjarju, ma japplikawx għall-ESOs, skont id-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-finanzjament tal-istandardizzazzjoni Ewropea Din l-eċċezzjoni għandha tinżamm fil-futur.

Barra minn hekk, il-filosofija bażika tal-għotjiet operattivi hija li għandhom jipprovdu appoġġ temporanju għal organizzazzjoni biex iħalluha tikseb l-indipendenza finanzjarja fit-terminu itwal. Madankollu, din id-degressività tikkontradixxi l-politika tal-UE skont liema l-pożizzjoni tal-SMEs u tal-partijiet interessati tas-soċjetà għandhom jissaħħu sabiex jiżguraw l-inklużività tas-sistema ta' standardizzazzjoni Ewropea. F'każ possibbli li fil-futur jiġu żviluppati iktar standards Ewropej, se jiżdied ix-xogħol tal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-SMEs u l-partijiet interessati fis-sistema ta' standarizzazzjoni Ewropea. Dawn l-organizzazzjonijiet

għandhom rwol permanenti li huwa essenzjali għall-attivitajiet u l-politiki tal-UE minħabba fil-kuntest li joperaw fih u l-għanijiet statutorji tagħhom. Huwa essenzjali għall-iżvilupp tal-istandardizzazzjoni Ewropea li l-parteċipazzjoni attiva tal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-SMEs, il-konsumaturi u l-interessi ambjentali u soċjali tkompli tiġi mħeġġa. Dawn l-organizzazzjonijiet għandhom għan ta' interess Ewropew ġenerali u, minħabba l-mandat speċifiku li tawhom l-organizzazzjonijiet nazzjonali ta' bla qligh, jew permezz tar-rappreżentanza esklussiva tagħhom tal-interessi tal-SME u tal-partijiet interessati soċjali, jikkostitwixxu netwerk Ewropew li jirrappreżenta l-korpi li ma jagħmlux qligħ attivi fl-Istati Membri u li jippromwovu l-prinċipji u l-politiki konsistenti mal-għanijiet tat-Trattati. Minħabba l-kuntest li joperaw fih u l-għanijiet statutorji tagħhom, l-organizzazzjonijiet Ewropej li jirrappreżentaw lill-SMEs, lill-konsumaturi u l-interessi ambjentali u soċjali fl-istandardizzazzjoni Ewropea, għandhom rwol permanenti li huwa essenzjali għall-attivitajiet u l-politiki tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-perjodu ta' żvilupp ta' standard idum bejn sena (1) u tliet (3) snin, u dan jirrikjedi impenn lejn il-proċess tekniku fuq medda ta' żmien twil. Il-parteċipazzjoni attiva u kontinwa f'kumitat tekniku jew fi grupp ta' ħidma tirrikjedi impenn ta' ħin sinifikanti ħafna fuq medda ta' żmien itwal. Għalhekk, huwa meħtieġ li tiġi estiża l-eċċezzjoni għall-prinċipju tad-degressività għall-organizzazzjonijiet Ewropej li jirrappreżentaw lill-SMEs, lill-konsumaturi, u l-interessi ambjentali u soċjali.

1.4.4. Indikaturi ta' riżultati u impatt

(1) L-għadd ta' standards Ewropej adottati mill-ESOs wara talba mill-Kummissjoni;

(2) Iż-żmien bejn l-aċċettazzjoni, min-naħa tal-ESOs, tat-talba għall-abbozzar ta' standard Ewropew u l-adozzjoni formali tal-istandard;

(3) Ir-rata reali ta' parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet Ewropej li jirrappreżentaw l-interessi tal-SMEs, il-konsumaturi, dawk ambjentali u soċjali fil-proċess tal-istandardizzazzjoni Ewropea.

(4) Il-bidliet reali għall-istrutturi u l-governanza tal-istandardizzazzjoni u l-impatt tagħhom fuq l-għadd ta' standards adottati, il-ħeffa tal-issettjar tal-istandards u l-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet Ewropej li jirrappreżentaw l-interessi tal-SMEs, il-konsumaturi, dawk ambjentali u soċjali fil-proċess tal-istandardizzazzjoni Ewropea.

1.5. Raġunijiet għall-proposta

1.5.1. Rekwiżit(i) li għandhom jitħarsu għal żmien qasir u fit-tul

Ir-rekwiżiti li jridu jintlaqgħu mill-proposta jistgħu jitqassru kif ġej;

(1) L-istandardizzazzjoni Ewropea hija għodda importanti u effettiva biex tappoġġja l-leġiżlazzjoni u l-politika Ewropea. Hi għandha u se jkollha impatt sinifikanti fl-irfid tas-suq ewlieni ta' oġġetti u servizzi u fil-prevenzjoni tal-ħolqien tal-ostakoli għall-kummerċ fi ħdan l-UE. Għalhekk, l-adozzjoni tal-istandards Ewropej mill-ESOs għandha titkompla u tiġi kkofinanzjata mill-UE. Barra minn hekk, il-bażi legali għandha mhux biss tkopri l-istandards fuq il-prodotti iżda wkoll l-istandards fuq is-servizzi.

(2) L-istandardizzazzjoni fi ħdan l-UE tagħmel kontribut sinifikanti lill-ekonomija Ewropea. L-użu tal-istandards huwa għodda sinifikanti biex in-negozji jżidu l-kompetittività tagħhom. Għalhekk huwa importanti li l-istandards iżommu mal-pass taċ-ċikli tal-iżvilupp tal-prodotti li kull ma jmorru dejjem iżidu fil-ħeffa, u t-titjib tal-veloċità tal-issettjar tal-istandards Ewropej.

(3) L-istandards għandhom jaffettwaw dejjem iktar gruppi fis-soċjetà Ewropea, inklużi n-negozji ta' kull tip u bosta ċittadini individwali. Standard huwa r-riżultat ta' kunsens milħuq minn dawk li jipparteċipaw fl-iżvilupp tiegħu. Firxa biżżejjed wiesgħa ta' parteċipanti hija essenzjali biex jiġi aċċettat standard kemm min-negozji kif ukoll mill-konsumaturi. Il-proposta għandha tiżgura li s-sistema tal-istandardizzazzjoni Ewropea għalhekk issir kemm jista' jkun inklużiva, bl-imsieħba kollha impenjati għal sistema msejsa fuq il-valuri ewlenin tal-ftuħ, it-trasparenza u s-solidità xjentifika, u permezz ta' proċess ta' titjib kontinwu tal-istrutturi u l-governanza tal-istandardizzazzjoni.

(4) L-istandards iridu jkunu disponibbli biex jiżguraw l-interoperabbilità bejn is-servizzi u l-applikazzjonijiet fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u komunikazzjoni sabiex l-Ewropa tkun tista' tikseb il-benefiċċji kollha tal-ICT. L-standards tal-ICT l-iktar rilevanti żviluppati minn forums jew konsorzji speċjalizzati għandu jkollhom rwol iktar prominenti fid-dominji fejn l-ESOs mhumiex attivi, meta l-istandards ESO ma jkunux ġew adottati mis-suq jew meta dawn l-istandards ikunu skadew. Konsegwentement, dawn l-istandards għandhom ikunu rikonoxxuti formalment sabiex ikunu jistgħu jintużaw mill-awtoritajiet pubbliċi għall-għanijiet ta' akkwist pubbliku.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE

L-istandards Ewropej għandhom rwol importanti ħafna fit-tħaddim tas-suq intern tal-prodotti industrijali. L-istandards Ewropej jieħdu post l-istandards nazzjonali li ħafna drabi jkunu konfliġġenti u b'hekk joħolqu t-tfixkil tekniku għal suq nazzjonali. L-istandards Ewropej jistgħu jiġu maqsuma f'żewġ kategoriji:

a) Standards Ewropej żviluppati fuq talba tal-Kummissjoni, fuq il-bażi ta' hekk imsejjaħ "mandat" li jitlob lill-ESOs ifasslu speċifikazzjonijiet tekniċi ta' natura normattiva li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-mandat. Dawn l-istandards jistgħu jiġu suddiviżi f'żewġ kategoriji:

- Standards armonizzati Ewropej li jiżguraw li l-prodotti jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE. Il-konformità ma' standard Ewropew "armonizzat" tiggarantixxi l-livell meħtieġ ta' sikurezza tal-prodotti. Iżda l-użu ta' standards armonizzati għadu mhuwiex obbligatorju u manifattur jista' juża kwalunkwe soluzzjoni teknika oħra li turi li l-prodott tiegħu jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali. Il-persentaġġ ta' standards armonizzati Ewropej fl-aħħar żewġ deċennji żdied minn 3,55% għal 20% fl-2009.

- Standards Ewropej oħrajn ta' appoġġ għall-politiki Ewropej.

b) L-istandards Ewropej li jifdal huma adottati mingħajr leġiżlazzjoni tal-UE b'inizjattiva tal-impriżi, NSBs jew partijiet interessati oħrajn, jew fuq talba tal-Kummissjoni.

L-istandards Ewropej u standards speċjalment armonizzati huma is-sisien għall-iffunzjonar tas-suq intern għall-prodotti. Minkejja dan, l-elaborazzjoni tal-istandards hija attività li tinvolvi ħafna xogħol u tieħu ħafna ħin li ssir minn esperti nazzjonali. Għalhekk, id-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tistabbilixxi l-bażi legali għas-sostenn finanzjarju għas-Segretarjati Ċentrali tal-korpi tal-istandardizzazzjoni Ewropea bil-għan li tittejjeb il-kwalità tal-istandards armonizzati u li tiġi promossa l-istandardizzazzjoni Ewropea fil-livell internazzjonali. Il-Kummissjoni Ewropea u l-EFTA jistabbilixxu Ftehimiet Qafas ta' Sħubija (FPAs) ma' kull ESO, li skonthom il-proposti għall-iffinanzjar jistgħu jiġu indirizzati lill-Kummissjoni. L-FPAs jiffissaw ir-regoli amministrattivi u finanzjarji dwar l-iffinanzjar tal-attivitajiet ta' standardizzazzjoni u jistabbilixxu l-kuntest ġenerali u t-termini li skonthom l-appoġġ finanzjarju jista' jiġi allokati. Din id-Deċiżjoni tieħu post id-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE.

1.5.3. Tagħlimiet minn esperjenzi simili fil-passat

Din il-proposta tqis l-evalwazzjonijiet li saru fil-kuntest tad-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE li tirreferi għalihom l-istima tal-impatt..

1.5.4. Koerenza u possibbilment sinerġija ma' strumenti oħra rilevanti

Din il-proposta hija totalment koerenti ma' strumenti oħra rilevanti, jiġifieri l-atti kollha leġiżlattivi stabbiliti f'Anness 4 tal-istima tal-impatt mehmuża.

1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

Proposta ta' **tul ta' zmien bla limitu**

1.7. Il-metodu/i ta' mmaniġġjar previst(i)[33]

Immaniġġjar dirett ċentralizzat mill-Kummissjoni

2. MIŻURI TA' MMANIĠĠJAR

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rapportar

L-għanijiet komuni ta' kooperazzjoni u l-kondizzjonijiet amministrattivi u finanzjarji li jirrigwardaw l-għotjiet li jingħataw lill-korpi tal-istandardizzazzjoni Ewropea u l-organizzazzjonijiet l-oħra msemmija fil-proposta se jkunu ddefiniti fil-ftehimiet qafas ta' sħubija, li se jkunu ffirmati mill-Kummissjoni u minn dawn l-korpi u l-organizzazzjonijiet skont ir-Regolament Finanzjarju u r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002. Dawn il-ftehimiet kif ukoll il-ftehimiet ta' għotjiet se jispeċifikaw ir-regoli tal-monitoraġġ u tar-rapportaġġ.

Barra minn hekk, il-proposta tobbliga l-korpi tal-istandardizzazzjoni Ewropea u l-organizzazzjonijiet l-oħra msemmija fil-proposta biex jissottomettu rapporti annwali lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-obbligazzjonijiet tagħhom.

---

[33] Dettalji ta' modi ta' maniġment u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fis-sit BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

2.2. Sistema ta' mmaniġġjar u kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

Il-korpi tal-istandardizzazzjoni Ewropea għandhom bażi finanzjarja solida. Is-sejħiet għall-proposti għall-organizzazzjonijiet l-oħra msemmija fil-proposta se jkun fihom kriterji ta' selezzjoni finanzjarja sabiex jipprevjenu kwalunkwe riskju finanzjarju. Konsegwentement, l-ebda riskji finanzjarji ma setgħu jiġu identifikati.

2.2.2. Metodu/i ta' kontroll previst(i)

Il-metodi ta' kontrol previsti huma stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju u r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002. Dawn se jkunu speċifikati f'iktar dettall fil-ftehimiet qafas ta' sħubija u l-ftehimiet ta' għotjiet li se jkunu ffirmati mill-Kummissjoni u l-korpi ta' standardizzazzjoni Ewropea u l-organizzazzjonijiet l-oħra msemmija fil-proposta. Il-proposta tispeċifika b'mod ċar li kull ftehim u kull kuntratt li jsir bis-saħħa ta' dan ir-Regolament għandu jipprovdi għall-monitoraġġ u l-kontroll finanzjarju mill-Kummissjoni jew minn kwalunkwe rappreżentant li hija tawtorizza, u għall-verifiki mill-Qorti tal-Awdituri, li jekk ikun meħtieġ, għandhom isiru fuq il-post.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

Din il-proposta tinkludi dispożizzjoni li skontha l-Kummissjoni għandha tiżgura li, meta l-interessi finanzjarji tal-Komunità jkunu mħarsa bl-applikazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra, b'kontrolli effettivi u bl-irkupru tal-ammonti li jkunu tħallsu mingħajr jedd u, jekk jinstabu xi irregolaritajiet, b'pieni li jkunu effettivi, proporzjonati u diżważivi, skont ir-Regolamenti (KE, Euratom) Nru 2988/95 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u linja/i tal-baġit ta' nefqa affettwata/i

- Linji ta' baġit ta' nefqa eżistenti

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali	Linja tal-baġit	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
		DA/NDA (34)	minn pajjiżi tal-EFTA[35]	minn pajjiżi kandidati[36]	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
1a. Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi	Artikolu 02 03 04 — Standardizzazzjoni u approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni	DA	IVA	LE	LE	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba: L-Artikolu 02 03 04 għandu jkun maqsum f'żewġ artikoli separati:

– L-Artikolu 02 03 04 01 għandu jissostitwixxi l-Artikolu 02 03 04 preċedenti u għandu jinkludi l-krediti ppjanati għalih, li jkopru l-appoġġ finanzjarju għall-attivitajiet ta' standardizzazzjoni tas-CEN, is-CENELEC u l-ETSI;

– L-Artikolu 02.03.04.02 għandu jikkonsisti mill-krediti li ġejjin li ttieħed impenn għalihom u li tħallsu skont l-artikoli 02.02.01, 17.02.02.00 u 07.03.07 fuq attivitajiet marbutin mal-istandardizzazzjoni. Se jiġu ttrasferiti għal fuq il-linja baġitarja l-ġdida 02.03.04.02, 2,1 miljun EUR mil-linja baġitarja 02.02.01; 1,4 miljun EUR mil-linja baġitarja 17.02.02.00; u 0,2 miljun EUR mil-linja baġitarja 07.03.07.

– L-artikoli 02.02.01, 17.02.02.00 u 07.03.07 se jitnaqqsulhom l-ammonti ta' hawn fuq, li jikkorrispondu ma' attivitajiet ta' standardizzazzjoni, fil-programmazzjoni finanzjarja L-artikoli tal-aħħar jitnaqqsulhom l-ammonti li jikkorrispondu ma' attivitajiet ta' standardizzazzjoni.

– Il-krediti għall-għotjiet lil organizzazzjonijiet oħra li jirrappreżentaw il-partijiet interessati tas-soċjetà fil-qasam tal-istandardizzazzjoni huma inklużi f'artikoli oħra baġitarji (eż. 04.03.03.02).

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali	Linja tal-baġit	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
		Differenzjata/mhux differenzjata	Minn pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju

34 AD= Approprjazzjonijiet differenzjati / AMD= Approprjazzjonijiet mhux differenzjati

35 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

36 Il-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi potenzjalment kandidati mill-Balkani tal-Punent.

1a. Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi	Artikolu 02 03 04 01 — Appoġġ għall-attivitajiet ta' standardizzazzjoni mwettqa mis-CEN, is-CENELEC u l-ETSI	DA	IVA	LE	LE	LE
1a. Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi	L-Artikolu 02 03 04 02 - Appoġġ għal organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-SMEs u l-partijiet interessati tas-soċjetà fl-attivitajiet ta' standardizzazzjoni.	DA	IVA	LE	LE	LE

3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa[37]

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR miljuni (sa tliet (3) punti deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:	**Numru**	1a. Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi

			Sena **N**[38]	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Snin **N+4 sa 6**			**TOTAL**
• Approprjazzjonijiet operattivi										
Artikolu 02 03 04 01 — Appoġġ għall-attivitajiet ta' standardizzazzjoni mwettqa mis-CEN, is-CENELEC u l-ETSI	Impenji	(1)	23.5	--	--	--	--	--	--	--
	Ħlasijiet	(2)	9	--	--	--	--	--	--	--
L-Artikolu 02 03 04 02 - Appoġġ għal organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-SMEs u l-partijiet interessati tas-soċjetà fl-attivitajiet ta' standardizzazzjoni.	Impenji	(1a)	3.7	--	--	--	--	--	--	--
	Ħlasijiet	(2a)	3.7	--	--	--	--	--	--	--
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[39]						--	--	--	--	--
Artikolu 02 01 04 02 -		(3)	0.2	--	--	--	--	--	--	--
Għall-informazzjoni biss, il-linji li ġejjin se jitnaqqsu (dawn l-ammonti mhumiex riflessi fit-totali):										

[37] L-ammonti stabbiliti fit-tabelli tat-taqsima 3.2 għandhom jiġu adattati għall-inflazzjoni u eventwalment jiġu aġġustati skont dan.

[38] Is-sena N hija s-sena li fiha x'aktarx tibda l-implimentazzjoni tal-proposta, jiġifieri l-2013.

[39] Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'sostenn tal-implimentazzjoni ta' programmi tal-UE u/jew azzjonijiet (qabel kienu intestaturi "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

L-artikolu 02.02.01 (l-intestatura 1a)	*Impenji*		*-2.1*	--	--	--	--	--	--	--
	Ħlasijiet		*-2.1*	--	--	--	--	--	--	--
L-artikolu 17.02.02.00 (l-intestatura 3b)	*Impenji*		*-1.4*	--	--	--	--	--	--	--
	Ħlasijiet		*-1.4*	--	--	--	--	--	--	--
L-artikolu 07.03.07 (l-intestatura 2)	*Impenji*		*-0.2*	--	--	--	--	--	--	--
	Ħlasijiet		*-0.2*	--	--	--	--	--	--	--
TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 1.a tal-qafas finanzjarju multiannwali	Impenji	=1+1a +3	27.4	--	--	--	--	--	--	--
	Ħlasijiet	=2+2a +3	12.9	--	--	--	--	--	--	--

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:	**5**	" Nefqa amministrattiva "

EUR miljuni (sa tliet (3)punti deċimali)

		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Snin **N+4 sa 6**			**TOTAL**
DG: ENTR, SANCO, MARKT, MOVE, ENV u INFSO									
• Riżorsi umani		3.5	--	--	--	--	--	--	--
• Nefqa amministrattiva oħra		0.3	--	--	--	--	--	--	--
TOTAL	Approprjazzjonijiet	--	--	--	--	--	--	--	

TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	(Total ta' impenji = Ħlasijiet totali)	3.8	--	--	--	--	--	--	--	

EUR miljuni (sa tliet (3) punti deċimali)

		2013	2014	2015	2016	2017-2020			**TOTAL**
TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	Impenji	3.8	--	--	--	--	--	--	--
	Ħlasijiet	3.8	--	--	--	--	--	--	--

3.2.2. Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet operattivi

Il-proposta teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn isfel:

Approprjazzjonijiet għall-impenji f'miljuni ta' EUR (sa tliet (3) punti dečimali)

Jindikaw l-objettivi u l-outputs ⇩			Sena **N**		Sena **N+1**		Sena **N+2**		Sena **N+3**		Snin **N+4 sa 6**						**TOTAL**	
	OUTPUTS																	
	Tip ta' output[40]	Spiża medja tal-output	Numru ta' outputs	Spiża	Numru ta' outputs	Spiża	Numru ta' outputs	Spiża	Numru ta' outputs	Spiża	Numru ta' outputs	Spiża	Numru ta' outputs	Spiża	Numru ta' outputs	Spiża	Numru totali ta' outputs	Total Spiża
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1: Biex jiġi rrevedut b'mod kontinwu l-acquis eżistenti tas-suq intern u tiġi proposta azzjoni ġdida leġiżlattiva jew mhux leġiżlattiva fejn jixraq.																		
Sekretarjat ċentrali tal-ESOs	(A)	3.35	3	10	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--
Traduzzjoni tal-istandards	(b)	0.55	2	1.1	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--
Ħidma ta' standardizzazzjoni (li tinkludi l-ICT)	(c)	0.4	25	11	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--

[40] Outputs huma prodotti u servizzi li għandhom ikunu pprovduti (eż: numru ta' skambji ffinanzjati ta' studenti, numru ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.). (A)= appoġġ amministrattiv, (B)= servizzi tradotti, (C)= xogħol reali ta' standardizzazzjoni, (D)= promozzjoni u pubbliċità, inkluži konferenzi u (E)= servizzi oħra intellettwali

Il-promozzjoni tal-istandards Ewropej.	(D)	0.1	1	0.1	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--
Verifiki, valutazzjonijiet u proġetti speċifiċi	(E)	0.8	1	0.8	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--
Studji u assistenza teknika	(D) (E)	1.2	0	0	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--
Promozzjoni u żvilupp tal-Kodiċijiet Ewropej	(D) (E)	0.5	1	0.5	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--
Sostenn ta' organizzazzjoniji et li jirrappreżentaw lill-SMEs	(A) sa (E)	2.0	1	2.0	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--
Sostenn ta' organizzazzjoniji et li jirrappreżentaw lill-partijiet interessati soċjali	(A) sa (E)	0.75	2	1.5	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--
Sottototal għall-objettiv speċifiku Nru 1					--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--
SPIŻA TOTALI			36	27	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--

3.2.3. L-impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

Il-proposta teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn isfel:

EUR miljuni (sa tliet (3) punti deċimali)

	Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Snin **N+4 sa 6**			**TOTAL**
INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali								
Riżorsi umani	3.5	--	--	--	--	--	--	--
Nefqa amministrattiva oħra	0.3	--	--	--	--	--	--	--
Total parzjali tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	3.8	--	--	--	--	--	--	--
'Il barra mill-INTESTATURA 5 [41]of the multiannual financial framework								
Riżorsi umani	0	--	--	--	--	--	--	--
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	0.2	--	--	--	--	--	--	--
Total parzjali 'il barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	0.2	--	--	--	--	--	--	--
TOTAL	4	--	--	--	--	--	--	--

[41] Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'sostenn tal-implimentazzjoni ta' programmi tal-UE u/jew azzjonijiet (qabel kienu intestaturi "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

Il-proposta teħtieġ l-użu ta' rizorsi umani, kif spjegat hawn isfel:

L-istima għandha tkun espressa f'ammonti sħaħ (jew l-aktar sa punt deċimali wieħed)

	Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Snin **N+4 sa 6**		
• Karigi tal-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)							
XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentazzjoni tal-Kummissjoni)	2.9	--	--	--	--	--	--
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)	0	--	--	--	--	--	--
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)	0	--	--	--	--	--	--
10 01 05 01 (Riċerka diretta)	0	--	--	--	--	--	--
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għal Full Time: FTE)[42]							
XX 01 02 01 (CA, INT, SNE mill-"pakkett globali")	0.6	--	--	--	--	--	--
XX 01 02 02 (CA, INT, JED, LA u SNE fid-delegazzjonijiet)	0	--	--	--	--	--	--
XX 01 05 02 (CA, INT, SNE - Riċerka indiretta)	0	--	--	--	--	--	--
10 01 05 02 (CA, INT, SNE - Riċerka diretta)	0	--	--	--	--	--	--
Linji oħra tal-baġit (ispeċifika)	0	--	--	--	--	--	--
TOTAL	7	--	--	--	--	--	--

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titlu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa jagħmlu tajjeb għalihom il-persunal mid-DĠ li huwa diġà assenjat għall-immaniġġar tal-azzjoni u/jew li ntbagħat jaħdem mad-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' allokoazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li qed jimmaniġġja skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl ta' restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni ta' inkarigi li għandhom jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	L-implimentazzjoni tar-Regolament (i.e. l-immaniġġjar tal-attivitajiet ta' standardizzazzjoni u l-finanzjament tagħhom, inkluż dwar l-ICT, u l-immaniġġjar tal-għotjiet lill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-SMEs u l-partijiet interessati tas-soċjetà).
Persunal estern	L-Esperti Nazzjonali Ssekondati għandhom jikkontribwixxu għall-aġġornament tal-attivitajiet ta' standardizzazzjoni, inkluż dwar l-ICT. L-aġenti kuntrattwali se jwettqu prinċiparjament l-ħidmiet eżekuttivi.

42 AK= Aġent ta' Kuntratt; INT= persunal tal-aġenzija *("Intérimaire")*; JED= "*Jeune Expert en Délégation"* (Esperti Żgħażagħ fid-Delegazzjonijiet); AL= Aġent Lokali; ENS= Espert Nazzjonmali Sekondat;

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali

Il-proposta hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali. Xi krediti jistgħu jitneħħew minn titoli oħra baġitarji għat-titolu 2 (Intrapriża) kif stabbilit fit-Taqsima 3.1.

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' terzi

Il-proposta tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet (3) punti deċimali)

	Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Snin **N+4 sa 6**			Total
Speċifika l-entità ta' kofinanzjament	EFTA	EFTA	EFTA	EFTA	EFTA	EFTA	EFTA	EFTA
TOTAL ta' approprjazzjonijiet kofinanzjati	0.7	--	--	--	--	--	--	--

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet fuq id-dħul.